SIGNUM FIDEI

*Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi*

# MARZU 2016





***Signum Fidei***
Ħajja ta' Xhieda
u ta' Fidi

**- Marzu 2016 -**

**S. Ġwann Battista De La Salle**
**Fundatur**

**Familja Lasalljana**

**EJJEW NIFTAKRU LI QEGĦDIN FIL-PREŻENZA QADDISA T'ALLA.**

**EJJEW NADURAWH**
**San Ġwann Battista De La Salle**

**Intenzjonijiet tal-Papa u tal-isqfijiet tagħna:**

1. Biex il-familji fil-bżonn jirċievu l-għajnuna meħtieġa u t-tfal jikbru f'ambjent ta' sliem u ta' paċi.
2. Biex, bl-għajnuna tat-talb tal-Knisja kollha, l-Insara ddiskriminati u ppersegwitati jżommu sħiħ fil-fidi.
3. Biex l-esperjenza personali tat-tbatija tqarribna lejn Ġesù Kurċifiss u lejn kull min hu għaddej mill-uġigħ tal-mard u x-xjuħija.

**Dati importanti għax-xahar ta' Marzu:**

19 ta' Marzu: San Ġużepp, l-għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija
20 ta' Marzu: Ħadd il-Palm u l-passjoni tal-Mulej
21 ta' Marzu: Tibda l-Ġimgħa Mqaddsa
24 ta' Marzu: Ħamis ix-Xirka
25 ta' Marzu: Il-Ġimgħa l-Kbira
27 ta' Marzu: L-Għid

**LENTEN SERMONS AT THE LASALLIAN CENTER, DAR IL-FRERES, GŻIRA BY FATHER GEORGE DALLI ON**
**7th, 8th AND 10th MARCH STARTING AT 7.30PM**
**Entrance from: Emmanuel Drive**

**Nota importanti:**
Din il-ħarġa ta' Marzu issa hija aċċessibli minn fuq il-*website:* http://signumfideimalta.wordpress.com.

**It-Tlieta 1 ta' Marzu**
San Albinu – isqof ta' Angus
San David – isqof ta' Menevia
Il-Beatu Pietru Rene Roque - saċerdot
It-12-il Dehra ta' Lourdes

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. Danjel 3: 25.34-43 B'qalbna niedma u ruħna mċekkna, jalla nkunu ningħoġbu quddiemek, Mulej.
2. Salm 24: 4-9 Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek, Mulej.
3. Mattew 18: 21-35 Jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom, anqas il-Missier ma jaħfer lilkom.

**IL-BEATU PIETRU RENE ROQUE (1758 – 1796) – saċerdot**

- Kien saċerdot minn Vannes u twieled fl-1758. Kien l-uniku wild fil-familja, u missieru miet ftit wara li twieled ibnu, waqt li kien ġej lura minn xogħol fuq negozju, għalhekk qatt ma ra lil Pietru.
- Kien ta' saħħa fraġli ħafna u bniedem ta' statura żgħira u dgħajfa.
- Ġie ordnat saċerdot fl-1782 u sar il-kappillan tas-sorijiet "*Dames de la Retracte"* (Xebbiet tal-Irtir). Iżda wara erba' snin mar Pariġi u daħal fil-kongregazzjoni tal-Lazaristi, magħrufin bħala 'Kongregazzjoni tal-Missjoni ta' San Vinċenz de Paul'.
- Hu kien għadu ma temmx in-novizzjat, li s-superjuri bagħtuh bħala professur tat-Teoloġija fil-belt ta' Vanne, art twelidu.
- Kien fiż-żmien li kien Vannes li faqqet ir-Rivoluzzjoni Franciza u hawn wera erojiżmu biex iwettaq kull xorta ta' appostolat.
- Fl-1791, irrifjuta li jieħu l-Ġurament Kostituzzjonali tar-Reġim Rivoluzzjonarju. U fuq l-eżempju tiegħu, ħafna saċerdoti li kienu ddeċidew li jieħdu dan il-ġurament, irrifjutawh ukoll.
- Meta s-sitwazzjoni saret iżjed ħarxa u l-għassa kienet iżjed intensa beda jmur iqaddes fid-djar privati u jkompli l-appostolat tiegħu klandestinament. Iżjed 'il quddiem kellu saħansitra jbiddel ismu.
- F'lejlet il-Milied tal-1795, mar jieħu l-vjatku lil xi morda u wieħed eretiku kixfu, ġie arrestat u mitfugħ il-ħabs. Waqt li kien il-ħabs kiteb artiklu bħala difiża tal-Knisja Kattolika u kien iwettaq appostolat fost il-ħabsin.
- Meta ġie mogħti s-sentenza tal-mewt niżel għarkupptejh, talab lil Alla u ġie mogħti l-giljotina. Kien l-1 ta' Marzu 1796.
- Ġie bbeatifikat fl-1934. Ir-relikwi tiegħu huma meqjuma f' Vannes.

**Riflessjoni:**

Il-parabbola tal-qaddej ħażin hija parabbola li tkexkex u skandaluża. Din tagħlima li kieku tiġi pprattikata tbiddlilna ħajjitna kif ukoll id-dinja kollha. Il-qaddej kellu jagħti somma li tlaħħaq daqs id-dejn nazzjonali tal-Amerika, bejn wieħed u ieħor 700 biljun dollaru. Dejn bħal dan fuq nazzjon hu ħażin imma fuq individwu wieħed huwa assurd. Imma dan huwa l-punt wara kollox! Id-dejn tad-dnub tagħna huwa preċiżament hekk; impossibli biex jitħallas. Ġesù ħassrilna d-dejn tagħna, ħafrilna dnubietna u sejħilna biex naħfru bħal ma konna maħfura. Xi drabi l-Ispirtu jurina li dik il-persuna li għandna naħfru l-ewwel hija lilna nfusna.

*Walk with me*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle: Med. 40, silta mit-3 punt**

*Acknowledge that it is, indeed, a great advantage for you that Jesus Christ ascended into heaven; from there come all the gifts that ought to enrich and adorn your soul. By virtue of the power over all creatures, both in heaven and on earth, that Jesus Christ received this day, he is generous toward his people.*

*As their head, he makes them share in the life of grace, the fullness of which dwells in him, and as your mediator, he presents your prayers and good works to God, his Father. He prays for you to draw down God's mercy on you and to prevent God from turning his anger against you when you offend him. Say with Saint Augustine, then, that the Ascension of Jesus Christ is your glory, the motive of your hope, and the promise of your happiness. Become worthy to have Jesus Christ as your Sovereign, your Head, and your Mediator in heaven.*



**TALBA**

*Mulej,*
*jien nirringrazzjak*
*u nfaħħrek talli ħfirtli dnubieti.*
*Agħtini qalb ġeneruża li taħfer,*
*ma żżomm fiha l-ebda mibgħeda*
*u ma trawwem l-ebda riżentiment.*
*Ammen*

*Walk with me*

**Missierna ...**



**Nitolbu għal**
Bro. Aloysius Darmanin (1974)
**Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem....**

**L-Erbgħa, 2 ta' Marzu**
Santa Anjeże ta' Praga – verġni u reliġjuża
San Nikola Owen – martri
It-13-il Dehra ta' Lourdes

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Dewterinomju 4: 1.5-9 | Ħarsu l-liġijiet u agħmluhom. |
| 2. Salm 147: 12-13.15-16.19-20 | Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej. |
| 3. Mattew 5: 17-19 | Min iħares u jgħallem il-kmandamenti, dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-smewwiet. |

**SAN NIKOLA OWEN (1550 – 1606)**

- ❖ Ftit wisq nafu fuq l-ewwel snin ta' ħajtu. Iben familja, minn Oxfordshire, li żammet il-fidi kattolika. Hu aktarx kien imrawwem bħala mastrudaxxa u bennej.
- ❖ Imwieled l-Ingilterra fi żmien meta kollox kien leċitu, huwa għex ħajja tabilħaqq safja, bla ma ħalla lilu nnifsu jinġibed mit-tlellix tad-dinja. Il-konfessur tiegħu, li kien jafu sa minn mindu kien għadu tifel, jiddikjara solennament ***"li hu żamm l-innoċenza tal-magħmudija bla mittiefsa sal-mewt."***
- ❖ B'sengħa tassew kbira kien kapaċi jivvinta moħbiet biex isalva l-ħajja tas-saċerdoti. Dawn il-moħbiet hu kien jagħmilhom jew f'passaġġi taħt l-art, jew bejn il-ħitan, jew jidfinhom fi rkejjen impenetrabbli. Imma dak li kien wisq aktar diffiċli f'din il-biċċa xogħol kien il-mod kif jaħbi d-daħliet għalihom b'tali mod li b'xejn ma kienu jistgħu jingħarfu bħala moħbiet.
- ❖ Barra minn hekk, hu kien iżomm segretezza assoluta dwar dawn il-postijiet, u qatt ma għarraf l-eżistenza tagħhom lil ħadd. Huwa waħdu kien l-arkitett kif ukoll il-bennej; u kien jaħdem fuqhom b'sengħa kbira u b'ħafna xogħol iebes, għax ġeneralment kien ikollu jkisser il-ħitan l-aktar ħoxnin u minnhom ineħħi ġebel kbir. Xogħol li jitlob dirgħajn aktar qawwijin minn dawk li kellu hu f'ġisem hekk ċkejken illi kisiblu l-laqam ta' *"Little John"*.
- ❖ Meta kien ilu jaħdem għal xi snin f'din il-ħidma, Patri John Garnet aċċettah bħala fratell fil-Kumpannija ta' Ġesù, qabel is-sena 1580, u kien fost l-ewwel fratelli ġiżwiti Ingliżi. Għalkemm, għal raġunijiet ovvji, il-konnessjoni tiegħu mal-ordni tal-Ġiżwiti nżammet sigrieta.
- ❖ Nikola Owen kien ma' Patri Garnet meta huma kienu ttraduti minn wieħed li ma ssospettawx fih. Kienu arrestati flimkien nhar San Ġorġ, it-23 ta' April 1594.
- ❖ Huwa kien mitfugħ il-ħabs.
- ❖ Huwa u l-Fratell Richard Fulwood kienu mdendlin għal tliet sigħat flimkien, b'dirgħajhom imwaħħlin ġo ċrieket tal-ħadid, u ġisimhom jixxejjer fl-arja. Lil

Owen żidulu t-tbatijiet billi rabtulu ma' saqajh piżijiet tqal. Dan il-kastig kien jissejjaħ il-kavallett "*Topcliffe".*

- ❖ Owen baqa' dejjem jirrifjuta li jwieġeb għall-mistoqsijiet li kien jagħmillu Wade, u għażel li jitkellem biss ma' Alla, billi beda jsejjaħ l-għajnuna ta' Ġesù u Marija.
- ❖ Fl-aħħar minħabba l-pożizzjoni mdendla li ssoġġettawh għaliha, il-Fratell Nikola Owen miet fost uġigħ kbir, fit-12 ta' Marzu 1606.

**Riflessjoni:**
Il-Fariżej u l-kittieba tal-Liġi kienu mhedda minn Ġesù; u kellhom għalfejn. Għax l-istess liġi u l-profeti kienu jippuntaw lejh u lejn il-miġja tiegħu. Kienu mhedda għax hu ħabbar ġustizzja ġdida, qdusija miftuħa għal dawk kollha li tawh ħajjithom. Il-qdusija u l-ġustizja tiegħu mhumiex limitati għar-regoli stretti imma jittamaw fil-ħajja tal-Ispirtu. Il-liġi l-ġdida tal-Ispirtu hija l-imħabba, il-ferħ, il-paċi, il-paċenzja, il-ħniena, it-tjubija, is-sinċerità, il-ħlewwa u s-*self-control.* Għalina m'hemm l-ebda limitu kontra ħwejjeġ bħal dawn għax aħna msejħa għall-qdusija.

*Walk with me*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 58, l-1 punt**
*Jesus Christ tells his holy Apostles that unless their virtue surpasses that of the Pharisees, they will not enter the kingdom of heaven. Apply these words to you. Be convinced that Jesus Christ is addressing them to you, that if you do not have more virtue than people in the world, you will be more liable to condemnation than they will be on the day of judgment.*
*People of the world, like the Pharisees, are satisfied with observing the external and outward practices of religion. They go to Mass, listen to sermons, and sometimes follow the Divine Office, but they do all these things and a number of others without any interior spirit.*
*You, who gave yourself to God and, consequently, ought to consecrate to God every moment of your life, must do everything in a spirit of religion without being content to do only what is exterior in the duties of your state. Even if people are satisfied with what is external in actions, God, who looks into the heart, will not put any value on them.*

**TALBA**



*Missier tas-sema,*
*għinni biex ningħaqad ma' Kristu,*
*u agħmel li Kristu jgħix fija,*
*sabiex id-dispożizzjoni u l-imġiba tiegħu*
*isiru tiegħi, għall-glorja ta' ismek.*
*Ammen*

*Walk with me*

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 3 ta' Marzu**

Santa Kunegunda
Santa Tereża Vezzeri – fundatriċi
Santa Katerina Drexel – reliġjuża
L-14-il Dehra ta' Lourdes

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ġeremija 7: 23-28 | Dan hu l-ġens li ma jismax leħen il-Mulej Alla tiegħu. |
| 2. Salm 94: 1-2.6-7.8-9 | Mhux li kontu llum tisimgħu leħen il-Mulej: la twebbsux qalbkom. |
| 3. Luqa 11: 14-23 | Min mhuwiex miegħi huwa kontra tiegħi. |

**SANTA KATERINA DREXEL (1858-1955) - reliġjuża**

- Katerina Drexel kienet waħda mill-aktar nisa sinjuri tal-Amerika. Hi offriet il-ġid tagħha, ħajjitha u l-impenn kollu ta' qalbha għall-ġid tal-oħrajn. Il-qaddisa twieldet f'Filadelfja, nhar is-26 ta' Novembru 1858, it-tieni bint ta' Francis Drexel, u Hannah Langotroll li mietet xahar biss wara t-twelid ta' Katerina. Ftit wara li romol, missierha Francis iżżewweġ lil Emma Bouvier, li kienet kattolika, u li rabbiet lil Katerina u lil oħtha l-oħra fil-fidi.
- Fl-1879, meta għalqet 21 sena, Katerina kienet tagħmel parti mis-soċjetà għolja ta' Filadelfja, imma kienet aktar miġbuda għall-ħajja reliġjuża. Ommha tar-rispett, mietet dik l-istess sena. Meta miet missierha, Katerina u oħtha wirtu, kull waħda minnhom, renta ta' elf dollaru kuljum.
- Meta kellha 28 sena, fis-sena 1886, Katerina mardet u marret il-Ġermanja biex tieħu saħħitha. Waqt li kienet hemm, hi rreklutat diversi saċerdoti u sorijiet biex imorru jaħdmu fil-missjonijiet fost l-Indjani tal-Amerika, wara li kienet irrakkomandat it-twaqqif ta' font kattoliku għal dawn il-ħidmiet.
- Waqt li darba Katerina Drextel kellha udjenza privata mal-Papa Ljun XIII, il-Papa qalilha biex hi ssir missjunarja. Fis-sena ta' wara hi bniet skejjel fl-istati Amerikani ta' Dakota, Wyoming, Montana, Kalifornja, Oregon u New Mexico.
- Ta' 31 sena, Katerina daħlet novizza mas-sorijiet tal-Ħniena (*Sisters of Mercy*), u ħadet il-libsa reliġjuża, fis-7 ta' Novembru 1889, mill-Arċisqof Ryan ta' Filadelfja. Sentejn wara, fl-1891, Katerina ħadet il-voti bħala l-ewwel membru tas-Sorijiet tas-Santissmu Sagrament, għall-Indjani u l-Poplu Iswed. Hi fetħet novizzjat, u sat-tmiem tas-sena, f'Cornwall Heights qrib Filadelfja, kien hemm fil-kongregazzjoni 21 reliġjuż. L-ewwel missjoni kienet dik ta' S. Katerina f'Santa Fé, New Mexico. Imbagħad infetħu missjonijiet oħra u skejjel, fosthom ukoll ix-Xavier University fi New Orleans. Il-Papa S. Piju X ta l-approvazzjoni preliminari għall-kongregazzjoni tagħha fl-1907.
- Barra l-voti tal-faqar, safa u ubbidjenza, Katerina daħħlet fil-kongregazzjoni tagħha r-raba' vot: dak li s-sorijiet tagħha jkunu ommijiet u qaddejja tar-razez

Indjani u Suwed skont ir-regoli tas-Sorijiet tas-Santissmu Sagrament, u li ma jieħdu ebda xogħol li jista’ jwassal li r-razez Indjani u Suwed jistgħu jiġu traskurati jew abbandunati. Hija rċeviet ukoll pariri siewja u prudenti mill-qaddisa fundatriċi ta’ żmienha, Santa Franġiska Saverja Cabrini.

- Katerina kienet magħżula superjura ġenerali, u kompliet tespandi l-iskop tal-ħidmiet tal-kongregazzjoni. Fl-1912, meta kienet fi New Mexico, ħadet il-marda tat-tifu u ħtiġielha tagħmel żmien biex tieħu saħħitha. Wara li fieqet, fl-1915 waqqfet ix-Xavier University fi New Orleans – l-ewwel istituzzjoni kattolika ta’ edukazzjoni għolja għas-Suwed.
- Fl-1935 attakk tal-qalb ġagħalha tirtira minn superjura. Hi marret fl-infermerija tal-kunvent biex titlob u timmatura fil-ħajja komtemplattiva.
- Katerina ma waqfitx mill-ħafna proġetti tagħha jew mit-tqassim tal-miljuni ta’ dollari li wirtet. Hu kkalkulat li minn mindu kellha 33 sena, fl-1891, sakemm mietet fl-1955, il-qaddisa qassmet mill-wirt u l-introjti tagħha t-total ta’ 20 miljun dollaru biex jitwaqqfu skejjel u missjonijiet għall-Indjani u għas-Suwed.
- Santa Katerina Drexel mietet fit-3 ta’ Marzu, f’Cornwell Heights, Pennsylvania, fl-età ta’ 96 sena.
- Il-Papa San Ġwanni Pawlu II ddikjaraha beata fl-1988, u dan l-istess Papa ddikjaraha qaddisa fl-1 ta’ Novembru 2000.

**Riflessjoni:**

Waqt il-Missierna nitolbu, “U ddaħħalniex fit-tiġrib iżda eħlisna minn kull deni.” X’deni hu li jrid jeħlisna minnu? Il-ħażen hu kontra t-tajjeb. Il-kontra tal-imħabba hi l-mibgħeda, il-kontra tal-maħfra hi l-korla, il-kontra tal-paċi hi l-firda. Aħna nistgħu nkeċċu l-ħażen bil-grazzja t’Alla. Ġesù, matul il-ħajja tiegħu fid-dinja ġġieled kontra x-xitan. Kien kontinwament fi gwerra spiritwali kontra l-forzi tal-ħażen. Aħna wkoll suġġetti li niġu attakkati mill-għedewwa. “*L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex”* (1Pietru 5:8). Meta tiġini t-tentazzjoni biex nobgħod, inżomm f’qalbi jew biex inxerred il-firda: **ieqaf!** Inżomm sod fil-fidi, ngħid b’fiduċja u fl-imħabba t’Alla ‘**warrab minn quddiemi ja xitan**’.

*Walk with me*

**Meditazzjoni ta’ San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 19, silta mill-1 punt**

*Today’s Gospel relates that Jesus Christ delivered a man possessed by a dumb demon, that is, one who prevented the victim from speaking. This is a figure of those who remain mute in their relationship with their superiors, who do not open to them the depths of their hearts. This is very harmful, often the most harmful thing an inferior can do.*

*When you are sick, you can scarcely be cured if you cannot explain what is wrong; so too if you do not expose the wound in your soul to your spiritual physician, you run the risk of remaining ill for a long time.*

**TALBA**

*Missier,*
*tħallix sentimenti foloz*
*tal-mistħija u imbarazzament*
*iżommuni milli nfittex*
*il-maħfra u l-fejqan ta' dnubieti.*
*Minflok, dawwalni bl-ispirtu qaddis tiegħek*
*biex nagħraf it-toqol ta' dnubieti*
*ħalli nkun nista' npoġġihom quddiemek*
*u b'hekk niġġedded mill-ġdid fl-imħabba tiegħek.*
*Ammen*.



**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, 4 ta' Marzu**
San Każimiru
Il-15 il-Dehra ta' Lourdes

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ħosegħa 14: 2-10 | Lanqas ma ngħidu iżjed 'alla tagħna' lil xogħol idejna. |
| 2. Salm 80: 6-11ab.14 u 17 | Jiena l-Mulej, Alla tiegħek; ismagħni, poplu tiegħi! |
| 3. Mark 12: 28b-34 | Il-Mulej, Alla tagħna, Mulej wieħed hu, u int għandek tħobb lill-Mulej. |

**NOTA:** Matul ir-Randan, tintrebaħ indulġenza kull nhar ta' Ġimgħa meta tingħad it-Talba lill-Ġesù Msallab, skont il-fehma tal-Papa u l-Kredu.

**SAN KAŻIMIRU (1458 – 1484) – prinċep tal-Polonja**

- Huwa kien il-fustani ta' Każimiru IV, re tal-Polonja, u ta' Eliżabetta, prinċipessa tal-Awstrija u bint Albert II, imperatur tal-Boemja u tal-Ungerija.
- Wara li ommu rabbietu, fil-biża' t'Alla, fdatu f'idejn Patri Dlugosz, bniedem reliġjuż tabilħaqq, kellu don speċjali għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ, flimkien mal-għerf u mat-tjubija kien jgħaqqad l-arti, u hekk kien ikun maħbub mid-dixxipli. Iċ-ċkejken Kasimiru ta' disa' snin, kien ġa mrawwem fil-biża' t'Alla, u għamel progressi kbar taħt it-treġija ta' mgħallem hekk għaqli.
- Daqs kemm wera ruħu indifferenti għall-ħwejjeġ tad-dinja u għall-unuri tal-qrati, daqshekk kien mixtieq li jkattar teżori fil-ġenna.
- L-akbar devozzjoni tiegħu kienet lejn il-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Spiss bil-lejl kien imur joqgħod għarkupptejh wara l-bieb magħluq ta' xi knisja, anki fl-eqqel tax-xitwa, jitlob u jistenna l-għodwa biex jidħol u jieħu sehem fil-kant tal-mattutin.

- ❖ Kellu wkoll devozzjoni kbira lejn il-Madonna u għal żmien twil l-innu ta' San Bernardu lill-Madonna "Omni die dic Mariae" kienu jaħsbu li kien tiegħu.
- ❖ Meta Każimiru kellu tlettax-il sena, missieru deherlu li t-tron tal-Ungerija kien imiss lill-familja tiegħu bħala wirt ta' martu, bint l-imperatur, u għalhekk organizza spedizzjoni kontra Mattew Corvinu (1471). Iċ-ċkejken prinċep, li missieru ħatru biex ikun ir-re ta' dan il-pajjiż, kellu jbaxxi rasu u jmur ma' din l-ispedizzjoni.
- ❖ Iżda l-għajnuna li Każimiru IV kien jittama minn bosta Ungeriżi li kienu qamu kontra Corvinu, ma seħħitx, u l-prinċep kellu jaħrab lura lejn il-Polonja fejn issokta l-edukazzjoni tiegħu taħt Patri Dlugosz sal-1475.
- ❖ Sadattant missieru beda jħarrġu fl-affarijiet tal-istat, u meta fl-1479 mar il-Litwanja, biex iħoll bosta diffikultajiet li kienu nibtu hemm, ħalla 'l ibnu Każimiru, bħala reġġenti tal-Polonja (1480-1483).
- ❖ Fi żmien din ir-reġġenza Każimiru wera ruħu prinċep għaqli, ġust u prudenti.
- ❖ Missieru beda jaħseb biex iżewġu ma' bint Federik III, imperatur tal-Ġermanja, iżda l-prinċep ried jibqa' għażeb.
- ❖ Kellu attakk qawwi fil-pulmuni, u billi kien ġa debboli bis-sawm u bil-penitenza ma felaħx għalih. Miet fil-qorti ta' Grondo, huwa u sejjer lejn il-Litwanja, wara ħajja qaddisa.
- ❖ Huwa ġie midfun fil-kappella tal-Madonna fil-Katidral ta' Vilna.

Nota:
L-Innu *"Omni die dic Mariae"* li jissemma fil-ħajja ta' San Każimiru ġie tradott għall-Malti mill-Kan. Dun Karm Farruġia, fiż-żmien li hu kien kappillan ta' San Girgor – tas-Sliema.

**Riflessjoni:**
Ġesù jindikalna mod ta' ħajja. Jindikalna mod ta' kif l-imħabba toħroġ fil-beraħ u tkisser kull skoll ta' egoiżmu li jfixkel l-għażliet ta' ħajjitna. Ġesù joħroġ fil-beraħ is-sens ta' direzzjoni li rridu nagħtu lill-ħajja tagħna kull ħin. Mhuwiex faċli tħobb lil Alla u lil għajrek bħalek innifsek, għax aljenati fil-ħajja tagħna xi kultant lanqas nagħtu kas tal-istess ħajja tagħna.
Kif tista' tħobb lilek innifsek meta m'intix ferħan, meta m'intix lest li taħfer, meta mimli ħdura għall-proxxmu, meta għall-konvenjenza lest li tkisser familja, meta lest li tħaddan kultura ta' suspetti fil-ħajja tiegħek?
U trid tħobb bis-serjetà, b'qalbek, b'ruħek, b'moħħok u bil-qawwa tiegħek kollha.

*Mitt Minta mal-Mulej* – Pubblikazzjoni Dumnikana

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 25, silta mit-2 punt**
*The tender love that Jesus Christ has for sinners not only inspired him with this willingness to suffer and to die for us but also made him conceive a great desire to do so. This made him say, longing for the destruction of sin, I have come to bring fire upon the earth, and what do I desire except that it be kindled?*



**TALBA lil Ġesù msallab**

*O Ġesu' maħbub tiegħi,*
*mixħut għarkupptejja quddiemek,*
*nitolbok bl-akbar ħrara li tnissel f'qalbi,*
*twemmin, tama u mħabba l-aktar qawwija,*
*kif ukoll indiema kbira ta' dnubieti,*
*u fehma sħiħa li ma nerġax noffendik;*
*filwaqt li jiena, bl-imħabba u bil-ħniena kollha,*
*sejjer naħseb fuq il-ħames pjagi tiegħek,*
*b'dak il-kliem quddiem għajnejja,*
*li qal fuqek il-profeta David :*
*'Nifduli idejja u riġlejja:*
*għaddewli l-għadam tiegħi kollu'*

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 5 ta' Marzu**
San Ġużepp tas-Salib - reliġjuż
Il-Beatu Ġeremija minn Vallacchia

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ħosegħa 6: 1-6 | Għaliex jiena tjieba rrid, mhux sagrifiċċju. |
| 2. Salm 50: 3-4.18-21 | Jien tjieba rrid, mhux sagrifiċċju. |
| 3. Luqa 18: 9-14 | Il-pubblikan, u mhux il-fariżew, niżel id-dar iġġustifikat. |

**SAN ĠWANN ĠUŻEPPI TAS-SALIB (1654 – 1734) – reliġjuż**

- ❖ Kien Franġiskan tar-Riforma ta' San Pietru minn Alkantara, twieled fil-gżira ta' Iskja, 'il barra mill-golf ta' Napli. Il-ħajja eżemplari li għex sa minn ċkunitu kisbitlu l-grazzja li jkun l-ewwel Taljan imsejjaħ mill-Mulej li għannaq ir-riforma ħarxa ta' San Pietru minn Alkantara.
- ❖ Malli libes iċ-ċoqqa ħarxa ta' din ir-riforma, ħa bħala mudelli tiegħu l-patrijarka ta' Assisi u l-penitenti ta' Alkantara, u minn dak tal-ewwel tgħallem bi ħrara kbira l-umiltà u l-faqar, waqt li mit-tieni ħa l-ispirtu ta' kontemplazzjoni u tal-penitenza.
- ❖ Tliet snin wara li pprofessa, is-superjuri tawh l-inkarigu li jwaqqaf kunvent hekk fqajjar u żgħir.
- ❖ Wara ħatruh majjistru tan-novizzi, u hekk seta' jifforma bil-kelma u bl-eżempju fil-prattika tal-virtujiet reliġjużi, kopja mitmuma ta' dak li l-Alkantara kien waqqaf fl-Estremadura (Spanja), li saru mbagħad magħrufin għall-qdusija u għall-mirakli.

- Kiseb mill-Papa Klement XI il-permess li jiftaħ provinċja ġdida tal-istitut tiegħu fir-renju ta' Napli, u tagħha kellu jaċċetta li jkun l-ewwel superjur.
- Miet ta' 80 sena fl-1734.

**Riflessjoni:**
Din is-silta Biblika hija wkoll ritratt ta' dak li ngħaddu minnu llum. Kemm issib nies, u forsi aħna wkoll, li niftaħru kemm fis-soċjetà kif ukoll quddiem Alla. Inkunu mħallfin tagħna nfusna billi ngħidu li aħna tajbin u ħaddieħor midneb. Mod farsesk kif tgħix ir-relazzjoni tiegħek m'Alla. Il-Fariżew u l-Pubblikan... Inti ma liema wieħed tagħmel? Aħseb tajjeb fil-ħajja tiegħek ta' kuljum, ma' liema wieħed tista' ssieħeb lilek innifsek?
Kuntent u tiftaħar bir-relazzjoni tiegħek m'Alla jew fadallek x'taqdef? Fadallek xi tnaddaf minnek innifsek? Kull bniedem intelliġenti jaf li waħdu mhu kapaċi jagħmel xejn u jonqsu ħafna xi jwettaq fih innifsu. U l-għajta tagħna kull ħin trid tkun dik tal-Pubblikan – *O Alla ħenn għalija għax midneb.* U l-Mulej żgur li jismagħna.

*Mitt Minuta mal-Mulej*-Pubblikazzjoni Dumnikana

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 63, it-2 punt**
*Seeing that most people are so filled with themselves that generally if they speak, it is of themselves and in their favor, Jesus Christ proposes to us today in his Gospel the parable of a publican and a Pharisee. The latter pretended to pray, but his mind was full of nothing but his good qualities, and the former, considering himself a miserable sinner, humbly begged God for mercy and was justified because of the simple and humble manner in which he prayed. The other man, on the contrary, reaped only confusion, because he had insulted God instead of praying to God.*
*This is the model that Jesus Christ gives you, which must frequently be before your eyes to induce you never to speak or to think about you and, when thinking of yourself in God's presence, to do so only to be humbled and to seek the means to correct your defects. When you pray, often say with David, my sin is always before me.*

**TALBA**



*Mulej Ġesù, salvatur tagħna, agħmel li issa niġu għandek;*
*qlubna huma kesħin;*
*Mulej, saħħanhom bl-imħabba tiegħek li mhix egoista.*
*Qlubna huma midinba;*
*naddafhom bid-demm prezzjuz tiegħek.*
*Qlubna huma dgħajfa;*
*saħħaħhom bil-ferħ tal-ispirtu tiegħek.*
*Qlubna huma vojta;*
*imlihom bil-preżenza divina tiegħek.*
*Mulej Ġesù, qlubna huma tiegħek;*
*żommhom dejjem u għalik biss.*

Santu Wistin

**Missierna ...**

**Nitolbu għal**
Bro. Lambert of Jesus Newitt Attard (1951)
**Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem....**

## Il-Ħadd, 6 ta' Marzu
## Ir-Raba' Ħadd tar-Randan

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ġożwè 5: 9a.10-12 | Il-poplu ta' Alla jidħol fl-art imwiegħda u jiċċelebra l-Għid. |
| 2. Salm 33: 2-7 | Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej. |
| 3. 2 Korintin 5,17-21 | Alla ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu. |
| 4. Luqa 15 1-3.11-32 | Dan ħuk kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- F'din il-ġrajja li tixbah ħafna l-istejjer tal-familji tagħna, mhumiex it-tfal li jġibu ruħhom b'mod differenti mis-soltu, imma l-missier li kważi qisu m'għandux sens komun. Il-psikologi u l-edukaturi jsibu ħafna x'jgħidu fuq dan il-missier li donnu jċedi għal kollox u fl-aħħar jippremja lil min ma ħaqqux.
- Henry Nouwan fil-kumment tiegħu fuq dan it-test, jinnota li "*agħtini sehmi li jmiss lili mill-ġid."* Lq.15:12 ; fil-mentalità tal-Lvant Nofsani ta' dak iż-żmien kien ifisser li tkun tixtieq il-mewt tal-missier, ħaġa li żgur kienet tqanqal rabja kbira f'kull missier minbarra f'dan tal-parabbola. Hekk ukoll ma kontx biss toħlom li xi missier iċedi l-awtorità tiegħu u jipprova jfiehem lill-iben il-kbir li kien ħa għalih minħabba t-trattament privileġġat li kien ingħata l-iben iż-żgħir.
- Kif jista' jkun li missier tajjeb iċedi għall-pretensjonijiet tat-tifel u jħallih jitlaq mingħajr lanqas biss ma jipprova jibdillu fehmtu? Mhux talli hekk, talli meta' jiġi lura minħabba l-ġuħ li kellu fuqu (mhux għax iddispjaċih) il-missier lanqas biss irid jisma' l-iskużi tiegħu imma jorganizzalu festa eżaġerata li żgur ma kinitx tixraqlu.
- It-tweġiba nsibuha fil-kliem ta' serjetà kbira *"għax dan ħuk kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab.*" Lq. 15:32, mhux imweġġa' jew fallut imma mejjet! Mhux ta' b'xejn, meta jmur lura, l-iben jitlob lil missieru jitrattah bħala qaddej. Il-kbir għalkemm jidher bil-għaqal, jaħbi attitudni servili u dipendenti fuq il-missier kif juri meta jikkonfronta 'l missieru u jirrabja għal ħuh. Fl-aħħar mill-aħħar dawn it-tnejn għaddew minn traġedja kbira li tista' titfejjaq biss bil-maħfra u l-ħniena li joffrilhom il-missier, maħfra ġeneruża lil hinn minn kull loġika umana. F'din il-ġrajja mhuwiex l-iben li hu ħali imma l-missier li jxejjen id-dinjità tiegħu biex juri mħabba bla tarf u ħniena mingħajr kundizzjoni lejn uliedu.

- Li naċċettaw li Alla huwa hekk mhix ħaġa faċli, speċjalment għal min jaħseb li jista' jakkwista xi privileġġi mingħandu. Għandna bżonn konverżjoni radikali għax il-ħajja tgħallimna li kulħadd għandu jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu u n-nies għandhom jiġu edukati u l-iżbalji kkastigati. Dan bla dubju huwa kollu veru, imma mhux biżżejjed, għandna bżonn umiltà kbira biex nifhmu li qegħdin ngħixu mdawrin bil-ħażen u drajna ngħixu fih u naħsbu li l-imħabba t'Alla hija ġenn.
- Madanakollu noqogħdu attenti li ma nabbużawx mill-ħniena tiegħu – nisimgħu spiss –"*Alla jaħfer kollox!*" Il-missier li jagħti kollox mingħajr limitu hu l-istess missier li lil ibnu l-kbir lanqas biss jagħtih ġidu biex jagħmel festa mal-ħbieb. Min igerger għal daqshekk ftit għadu ma fehemx li Alla ma jżomm xejn għalih imma fl-immensità ta' mħabbtu tneżża' minn kollox biex jagħti lilu nnifsu fi Kristu għalina lkoll sew dawk li jidhru tajbin kif ukoll dawk li huma tabilħaqq ħżiena.

*"La realta' e' Cristo, commento ai vangeli domenicali e festivi" Don Davide Rota)*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 188, it-2 punt**

*Consider that what ought to encourage us to have deep sentiments of respect and devotion in these holy places (churches) is the thought that this is where God is pleased to give us grace with very special generosity, goodness, and mercy. This is where the Father of mercies welcomes with open arms the prodigal, where the Good Shepherd brings back to the fold the strayed sheep, where the afflicted find comfort, and where the sick are healed, the weak are strengthened, and the tempted are given new power over their enemies. Finally, this is where God listens favorably to the prayers we offer and is pleased to fill with graces those who have recourse to his goodness.*

*Let us acknowledge all these truths, and let us resolve again to act with such respect in churches that we may be worthy to receive the divine mercy there and to experience in ourselves all its effects in us.*

*Let us renew the consecration of the temple of our body and our soul by consecrating to God our heart and all our will after devoutly receiving Holy Communion.*

**TALBA**



*Missier, inti dejjem tilqagħni,*
*kull darba li jiena nidneb*
*jew nitbiegħed minnek.*
*Għinni nara r-raġuni*
*biex nagħraf dnubieti*
*u niġi ħdejk nitlob maħfra u fejqan.*
*Wara għannaqni u busni bħala ibnek.*
*Ammen*

*Bible alive*

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 7 ta' Marzu**

Santa Perpetwa u Santa Feliċità – martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Iżaija 65, 17-21 | Ma jinstemax aktar leħen il-biki, lanqas leħen in-niket. |
| 2. Salm 29: 2 u 4-6.11-13 | Ngħollik, Mulej, għax erfajtni. |
| 3. Ġwanni 4: 43-54 | Mur, ibnek ħaj. |

**SANTA PERPETWA U SANTA FELIĊITÀ (†203) – martri**

- Santa Perpetwa kienet sinjura, edukata fl-aħjar skejjel, żagħżugħa ta' 22 sena, miżżewġa u kellha tarbija. Kienet mill-belt ta' Thuburbo, ftit 'l isfel minn Kartaġni, fl-Afrika ta' Fuq (illum it-Tuneżija).
- Santa Feliċità kienet ilsira, seftura ta' Perpetwa, u kienet qed tistenna tarbija, li fil-fatt wellditha meta kienet il-ħabs, ftit ġranet qabel mietet.
- It-tnejn kienu qed iħejju ruħhom biex jitgħammdu, meta fil-persekuzzjoni ta' Settimu Severu, ġew arrestati u mitfugħin il-ħabs, flimkien mal-ilsira Revokatu, Saturninu u Sekundulu, u wara wkoll il-katekist, Saturu.
- Missier Perpetwa riedha tiċħad il-fidi biex issalva ħajjitha. Darba minnhom urietu važett u qaltlu: "*Missier, qed tara dan il-važett? Jista' dan ikun xi ħaġa oħra? Lanqas jien ma nista' nkun ħaġa oħra għajr nisranija."*
- Perpetwa u Feliċità kienu kkundannati għall-mewt, biex jittieklu mill-annimali selvaġġi fl-anfiteatru. It-trabi tagħhom ittieħdu u trabbew insara.
- Billi l-annimali selvaġġi ma messewhomx, ġew maqtula bix-xabla mill-gladjaturi, fis-7 ta' Marzu 203.
- Isimhom insibuh fir-raba' talba ewkaristika tal-quddiesa.

**Riflessjoni:**

Il-fejqan tal-iben l-uffiċċjal kien miraklu mill-bogħod ta' Ġesù. It-tifel marid fieq sempliċiment bil-kelma ta' Ġesù, *"Mur ibnek ħaj"* (Ġwanni 4:50). Ġesù kif jgħidilna l-kelma tiegħu fiż-żmien tal-lum? Fl-Iskrittura niltaqgħu mal-kelma u wegħdiet ta' Kristu, u huwa fl-Iskrittura li nsibu l-ħajja. L-Ispirtu s-Santu huwa dak li jgħallimna biex inħarsu lejn l-Iskrittura ħalli nsibu l-ħajja, il-grazzja u l-qawwa. L-Ispirtu huwa wkoll dak li jbidlilna kif nersqu lejn l-Isktrittura. San Klement ta' Alessandria jgħid: *"Il-Kelma ta' Alla bħall-verb li sar bniedem u l-kelma tal-Iskritura hija l-wiċċ, il-bixra, ix-xbieha ta' Alla, li fiha u jgħix u jsir magħruf."*

*Walk with me*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 9, silta mill-1 punt**

*A centurion whose servant lay sick at his house, as today's Gospel tells us, begged Jesus Christ to come and cure him. But then, having reflected that there was no need for Jesus to go to all this trouble, because it was sufficient for him to give a*

*command to the servant to get well for him to be immediately cured, the centurion went to meet the Savior to tell him that a single word of his would suffice to heal the sick man. Jesus, admiring the faith of the centurion, said that he had not found such great faith in all Israel.*

*This centurion makes known to us how excellent obedience is when it is inspired and sustained by faith. Those who obey their superiors with the conviction that they are obeying God elevate their obedience by this view of faith, so that it becomes one of the most eminent acts of the virtue of religion that we can elicit in this world, because it is addressed directly to God hidden under the veil of a person frail and mortal but endowed with divine authority. This is how the centurion acted when seeing in Jesus Christ only the external appearance of an ordinary man; nevertheless, he was profoundly convinced that to perform a miracle such as the cure of the sick servant, he possessed the authority of God and was consequently truly God.*

**TALBA**



*Mulej Ġesù,*
*il-kelma tiegħek hija ħajja u attiva,*
*taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar,*
*titkellem ma' qalbi*
*u għandha l-qawwa li tbiddel*
*il-mod kif naħseb u kif inġib ruħi.*
*Agħmel li l-kelma tiegħek*
*tkun taqbad ġewwa qalbi.*
*Ammen.*

*Walk with me*

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 8 ta' Marzu**

San Ġwann t'Alla - presbiteru

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Eżekjel 47: 1-9.12 | Rajt l-ilma ħiereġ mit-tempju, u salvaw dawk kollha li fuqhom wasal dan l-ilma. |
| 2. Salm 45: 2-3.5-6.8-9 | Il-Mulej tal-eżerċti magħna. |
| 3. Ġwanni 5: 1-3a.5-16 | Minnufih dak ir-raġel fieq. |

**SAN ĠWANN TA' ALLA (1495 –1550) - reliġjuż**

- San Ġwann twieled f'Montemor, il-Portugall, fl-1495, minn ġenituri fqar iżda nsara tajbin.
- Żgħożitu għaddiha fi Spanja, ma' ragħaj sinjur, u kien sejjer tajjeb ħafna miegħu, sakemm dan ried iżewġu lil bintu. Billi San Ġwann ma riedx jiżżewweġ telaq u daħal suldat.
- Ħa sehem fil-gwerra kontra Franza, u fl-Ungerija kontra it-Torok, fiż-żmien li Karlu V kien re ta' Spanja. Il-kumpanija ħażina nissietu l-prattika tar-reliġjon u ttraskuraha bi sħiħ.
- Fl-1536, ħareġ minn suldat, u sab jaħdem bħala ragħaj. Bil-mod beda jbiddel ħajtu. Wasal biex iddeċieda li jmur l-Afrika biex jeħles lill-ilsiera ħalli jpatti għal dnubietu. Issa kellu 40 sena.
- Mill-Afrika mar Ġibiltà. Fl-1538, kien fi Granada, Spanja, fejn fetaħ ħanut u beda jbiegħ kotba, santi, inkwatri tal-qaddisin u affarijiet reliġjużi.
- Ġurnata waħda, sema' prietka mingħand il-Beatu Ġwanni ta' Avila, u tant laqtitu li ta kull ma kellu lill-foqra, u beda jibki dnubietu pubblikament fit-toroq. Spiċċa biex daħħluh għal żmien qasir bħala pazjent fi sptar tal-moħħ.
- Fl-1540, kera dar u beda jżomm fiha nies morda li kienu fqar. Kien jieħu ħsiebhom kollox waħdu. Kien idur bihom, u fl-istess waqt kien isib il-ħin biex ibiegħ l-injam u xi affarijiet oħra biex jaqla' l-għejxien tiegħu ta' kuljum.
- F'qasir żmien, l-għajnuna mingħand qassisin, tobba u bosta oħrajn bdiet ġejja qatigħ.
- Tnejn minn dawk li offrew lilhom infushom biex jgħinu lil San Ġwann, kienu għedewwa ta' xulxin, għamlu paċi, u saru l-qalba tal-ordni "Fratelli Ospidalieri ta' San Ġwann ta' Alla", li twaqqaf għoxrin sena wara mewtu.
- Miet waqt li kien qed jitlob fuq irkopptejh fl-età ta' 55 sena, fit-8 ta' Marzu 1550.
- Il-Papa Ljun XIII ħatru patrun tal-isptarijiet u tal-agunizzanti.

**Riflessjoni, mill-Imitazzjoni ta' Kristu, it-Tielet Ktieb, Kap. 30:**

Liema hi l-ħaġa li jien ma nistax nagħmilha? Ħsibtnix jaqaw bħal dak li jgħid bosta kliem u għemil ta' xejn? Fejn hi t-tama tiegħek? Żomm dejjem fil-fehma tajba bla ma terġa' lura. Ħu paċenzja u kun qalbek qawwija; il-ħlewwa tiegħi tinżel fuqek fil-waqt. Stennieni, tibżax, stennieni; jiena niġi u nfejqek. Din li qiegħda tħabbtek mhix ħlief tentazzjoni, u dal-biża' fuqek kollu biża' għalxejn. Xi trid toqgħod taħseb x'għad jgħaddi mingħalik? B'daqshekk ma tagħmilx ħlief iżżid swied il-qalb fuq swied il-qalb. Kull ġurnata li tisbaħ għandha l-gwaj tagħha. Barra milli xejn ma jiswielek hija bluha li tibża' jew tifraħ billi għad jista' jiġrilek; għax forsi minn dan kollu ma jkun xejn.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 71, silta mit-3 punt**

*Spiritual maladies differ from corporal ones. To heal corporal maladies, it is enough for Jesus to say a word or simply to will it, but in the case of maladies of the soul,*

*we must on our part will to be cured. God does not constrain our will, although he does exhort and urge us. It is up to us to welcome his grace, to put it into effect, and to support his goodwill to cure our spiritual ailments. Thus, when your movement toward God is, as it were, suspended, be prompt and responsive to his voice. Rise up at once when he calls you, and walk, that is, resume the practice of virtue that you might find difficult, mortify your passions, and strive to overcome them. Be faithful, especially, to open your heart completely to your Director; this will, as a rule, prevent you from succumbing to this kind of weakness.*

**TALBA**
**fuq "Mulej isma' t-talb tiegħi" (Salm 101)**



*F'din id-dinja fejn ta' spiss*
*l-mibgħeda tegħleb l-imħabba,*
*imliena bil-kuraġġ biex ngħinu lil ħutna.*
*Għallimna nisimgħuk*
*u jalla l-kelma tiegħek tiggwidana,*
*agħmel li dik l-imħabba tiegħek*
*tkun għalina l-eżempju biex nimxu fuqu.*
*Ġesù Salvatur, inti li tinsab maġenbna,*
*għinna nuru lill-oħrajn dik l-istess imħabba*
*li int turina kuljum matul ħajjitna.*
Bro. Louis

**Missierna ...**

**Nitolbu għal**
Bro. Vincent Farrugia (2001)
**Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem....**

**L-Erbgħa, 9 ta' Marzu**
Santa Franġiska Romana – armla
San Duminku Savio

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**
1. Iżaija 49: 8-15 Għamilt minnek patt mal-poplu, biex nerġa' nqajjem l-art.
2. Salm144: 8-9.13ċd-14.17-18 Twajjeb u ħanin il-Mulej.
3. Ġwanni 5: 17-30 Bħalma l-Missier iqajjem lill-mejtin u jagħtihom il-ħajja, hekk ukoll l-iben jagħti l-ħajja lil dawk li jrid hu.

**SANTA FRANĠISKA RUMANA (1384-1440) – armla**

- Santa Franġiska Rumana twieldet minn familja nobbli miż-żewg naħat.
- Minn ċkunitha kienet miġbuda għall-ħwejjeġ t'Alla. Xtaqet issir soru; iżda ta' tnax-il sena baxxiet rasha quddiem ir-rieda ta' missierha u żżewġet ma' nobbli ruman, Lorenzo de' Ponziani (1396). Baqgħet tħobb il-ġabra u tistmerr il-festi u l-laqgħat soċjali. Iż-żwieġ ħaditu bħala dmir, mhux bħala pjaċir; kien tabilħaqq feliċi u dam erbgħin sena ta' għaqda u ta' mħabba.
- Għas-sejħa ta' żewġha kienet tħalli kollox, għax *"mara miżżewġa għandha tħalli anki l-altar biex taqdi 'l Alla d-dar."*
- Alla wrieha kemm togħġbu: darba kellha tħalli erba' darbiet il-bidu ta' Salm, u wara l-ħames darba sabet l-ewwel ittri miktubin bid-deheb.
- Xtaqet l-ulied, biex trabbihom għas-sema; u Alla qatgħalha xewqitha.
- Il-mortifikazzjoni u l-penitenza tagħha kienu tabilħaqq straordinarji, kemm fl-ikel, kemm fl-ilbies u bl-eżempju tagħha ġibdet warajha bosta sinjuri rumani minn ħajja ta' frugħa u ta' lussu u għaqqdithom f'assoċjazzjoni taħt it-tmexxija tal-patrijiet Benedettini ta' Santa Maria Nuova.
- Aktar tard iffurmaw il-kongregazzjoni tal-Oblati Benedittini ta' Tor di Specchi, approvata minn Ewġenju IV fl-1433.
- Il-membri kienu jgħixu ta' reliġjużi, iżda bla klawsura u bla voti, mogħtijin għat-talb u għall-opri tajba.
- Bil-kunsens ta' żewġha għamlet il-vot tal-kastità, u għamlet hekk progressi fil-ħajja kontemplattiva li saret waħda mill-mistiċi l-kbar tas-seklu ħmistax.
- Id-dehriet li kellha kienu spiss jieħdu għamla ta' drammi li fihom kienu jieħdu sehem persunaġġi tas-sema. Kienet ta' sikwiet tara 'l-anġlu kustodju tagħha u titkellem miegħu. Kellha d-don tal-mirakli u tal-estażi, rivelazzjonijiet dwar il-purgatorju u l-infern, kif ukoll id-don li taqra l-qlub u li tara l-ġejjieni.
- Kienet magħrufa għall-umiltà u għad-distakk mid-dinja, għall-ubbidjenza u għall-paċenzja li biha sofriet it-turufnament ta' żewġha, il-priġunija ta' binha Ġan Patist, il-mewt ta' wliedha u t-telfa tal-ġid li kellha. Kalma fost dawn id-diżgrazzi kienet ittenni l-kliem ta Ġob: *"Alla tani u Alla ħadli. Ikun dejjem imfaħħar l-isem t'Alla."*
- Wara l-mewt ta' żewġha (1436), marret bil-mixi titlob biex tidħol fil-monasteru ta' Tor di Specchi, imwaqqaf minnha. Laqgħuha bħala superjura, iżda dejjem fittxet is-servizzi l-aktar baxxi tad-dar.
- Meta binha waqa' marid marret tagħmillu żjara, iżda ħassha ħażin u mietet fil-jum li kienet ħabbret, id-9 ta' Marzu 1440.
- Sa minn mewtha ġiet meqjuma mill-poplu Ruman bħala qaddisa, u wara tliet proċessi (1440, 1443 u 1451), il-Papa Pawlu V ddikjaraha uffiċjalment qaddisa fl-1608.
- Ġisimha difnuh fil-knisja ta' Santa Maria Nuova, fil-Foro Romano. Warajha l-knisja l-lum tissejjaħ ta' Santa Francesca Romana.

**Riflessjoni:**
Il-ħajja tal-bniedem fuq l-art hi gwerra bla heda. Fost ir-rebħiet kollha, l-iktar waħda diffiċli u rari hija r-rebħa fuqna nfusna. Issib konkwistaturi kbar ta' bliet, ta' imperi, tad-dinja sħiħa; iżda, ta' dawk li jafu jirbħu lilhom infushom bilkemm issib wieħed fost miljuni ... Hija ħaġa ħafifa tirbaħ ix-xjaten, id-dinja, l-infern, imma hija ħaġa iebsa biex nirbħu lilna nfusna. Inħobbu lilna nfusna bi mħabba diżordinata, u din l-imħabba tagħmina u ma tħalliniex nagħarfu lilna nfusna u, minħabba f'hekk, ma tħalliniex nirbħu lilna nfusna.

S. Nerik de Ossó

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 93, silta mit-2 punt**
*In this mystery Jesus Christ carried out his function and his role as Redeemer of all by shedding his blood out of the love he has for us. By this outpouring of his blood, he showed that he was beginning to take on the burden of our sins and to appear on earth as a sinner: first, because under the Old Law, circumcision was established only for sinners; second, because Jesus Christ, appearing in this world as the high priest of future blessings, according to Saint Paul, offered himself to God in the Temple on this day as a spotless victim to purify our consciences from dead works, so that in the name of all of us, he might offer to the living and eternal God an act of true worship in his role as Mediator of the New Testament.*



**TALBA**

*Spirtu s-Santu,*
*inti il-Mulej u dak li tagħti l-ħajja.*
*Agħmel li jiena naħdem kuljum*
*biex naħsad fija nnifsi l-frott tal-Ispirtu,*
*u waqt li nagħmel dan*
*ngħix ħajja ta' xhieda*
*li Alla qed jgħix fija.*
*Ammen.*

*Walk with me*

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 10 ta' Marzu**

San Ġwann Ogilvie, S.J. - martri
L-Erbgħin Martri ta' Sebaste

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Eżodu 32: 7-14 | Erġa' lura mis-saħna tal-korla tiegħek. |
| 2. Salm 105: 19-23 | Ftakar fija, Mulej, fi mħabbtek għall-poplu tiegħek. |
| 3. Ġwanni 5: 31-47 | Dak li jakkużakom huwa Mosè, li fih qgħedtu t-tama tagħkom. |

**SAN ĠWANN OGILVIE S.J. (1579-1615) - martri**

- Dan il-qaddis kien bin il-baruni ta' Drum-na-Keith fl-Iskozja; kien imrobbi bħala kalvinista. Kien mibgħut jistudja fi Franza, u hawn, bħala student beda jinteressa ruħu fuq il-kontroversji reliġjużi li kienu jifirdu 'l qrabatu.
- Ġie milqugħ fil-Knisja Kattolika fil-kulleġġ Skoċċiż f'Louvain (1596) meta kellu sbatax-il sena. Mar imbagħad jistudja f'Regensburg u ngħaqad mal-Ġiżwiti fi Brno tliet snin wara, fl-1599.
- Għal għaxar snin John Ogilvie ħadem fl-Awstrija, l-aktar fi Gratz u fi Vjenna. Imbagħad kien assenjat lill-provinċja Franċiża, u kien ordnat saċerdot f'Pariġi fl-1610. Minn dak iż-żmien xtaq u talab li jintbagħat lura jaħdem f'pajjiżu fl-Iskozja. Xewqtu ġiet maqtugħa fl-1613.
- Minħabba l-liġijiet kontra s-saċerdoti Kattoliċi, hu vvjaġġa bl-isem ta' John Watson, bħala negozjant taż-żwiemel jew bħala suldat. Hu sab li ħafna nobbli Skoċċiżi aċċettaw ir-reliġjon protestanta, almenu minn barra, u ma kinux lesti jgħinu saċerdot ipprojbit.
- Billi f'pajjiżu ma tantx irnexxa, John Ogilvie mar Londra biex jikkuntattja wieħed mill-ministri tar-re u mbagħad mar Pariġi għall-konsultazzjoni, imma qalulu biex jirritorna lura fl-Iskozja, kif fil-fatt għamel.
- F'Edinburgh hu qagħad għand wieħed avukat u għamilha ta' għalliem għal ibnu, jamministra s-sagramenti lil ġemgħa ta' kattoliċi, jipprietka u jżur il-ħabsijiet. Iżda wara ħdax-il xahar ġie mikxuf u arrestat fi Glasgow.
- Għadda ħames xhur fil-ħabs fejn kien maħqur billi ma jagħtuhx jiekol u ma jħalluhx jorqod, qattgħulu xagħru u waddbuh repetutament fl-art. Darba nżamm imqajjem għal tmint ijiem sħaħ f'attentat biex jikxef ismijiet ta' Kattoliċi oħra. Mill-ħabs irnexxielu joħroġ b'kuntrabandu.
- San Ġwann Ogilvie ġie kkundannat għal tradiment *(high treason)* imma offrewlu li jiġi meħlus u ħafna benefiċċji għoljin kieku kellu jiċħad ir-reliġjon tiegħu. Billi ma aċċettax, hu kien mgħallaq fi Glasgow minħabba d-difiża tiegħu tas-supremazija tal-Papa, fl-10 ta' Marzu 1615 meta kellu 36 sena.
- Iddikjarah qaddis il-Papa Beatu Pawlu VI fl-1976.

**Riflessjoni:**

Jekk titraskura lili (lil Ġesù), tkun qiegħed titraskura lil min teħtieġ l-iżjed u lil min iħobbok l-aktar. Meta tafda fil-bniedem mingħajr ma tqis fejn għandi nidħol jien fil-ħajja tiegħek, tkun qiegħed tibni fuq ir-ramel. Kull dehen, saħħa u ġid ieħor li jista' jkollok huwa don tiegħi. Mingħajr dawn id-doni m'int xejn, u ħajtek ma tkunx ħlief taħbit fil-vojt.

Fr. Anthony Paone S.J., *Ħobżna ta' Kuljum,* it-Tieni Ktieb, Kap. 25

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 21, silta mill-1 punt**

*With good reason Jesus Christ complains… that the Jews did not believe his words, in spite of the fact that he told them nothing but the truth and spoke to them*

*as his Father enjoined him to do, for this was a sign that they did not recognize him as the Son of God…*

*To remedy this defect, which can have very serious consequences, all those who live under the direction of a superior must believe that his words are the words of God. Jesus Christ requires this in the holy Gospel when he says, in the person of the Apostles to all those who guide others, whoever hears you, hears me. We ought to be firmly convinced that superiors are the ministers of Jesus Christ, that God is in them and causes them to speak, and that the words of our superiors are the truth that they have learned from God. Is it not true that if you had always had such dispositions, you would have believed with simplicity all that your superiors said to you and would never have hesitated a single moment over following their advice and obeying their commands? Admit that if you committed any faults in their regard, it was only because you did not consider God in them and did not hear their words as those of God.*



**TALBA**

*Mulej,*
*għallimni biex qatt ma nistħi bil-Vanġelu*
*imma li niftaħar bil-fidi tiegħi,*
*u nitħeġġeġ biex ngħix*
*il-ħajja fl-Ispirtu*
*waqt li nressaq oħrajn*
*biex jagħrfu l-imħabba u l-ħniena ta' tiegħek.*
*Ammen.*

*Walk with me*

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Marzu**

San Sofronju – patrijarka ta' Ġerusalemm
San Ewloġju ta' Cardoba - matri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Għerf 2: 1a.12-22 | Naqtgħuhielu għall-mewt tal-mistħija. |
| 2. Salm 33: 17-21 u 23 | Qrib il-Mulej lejn dawk b'qalbhom maqsuma. |
| 3. Ġwanni 7: 1-2.10.25-30 | Fittxew li jaqbdu lil Ġesù, iżda s-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx. |

**SAN SOFRONJU (? 560 – ? 638) – patrijarka ta' Ġerusalemm**

- ❖ Sofronju twieled fil-belt ta' Damasku (is-Sirja) madwar il-560. Wara li studja u għallem għal xi żmien ir-rettorika, mar jgħammar fl-ermitaġġ ta' San Teodożju, ħdejn Ġerusalemm. Għal bosta snin, taħt it-tmexxija ta' San Ġwann Mosku u miegħu, żar is-santwarji u l-monasteri tal-Palestina, tas-Sinaj u tal-Eġittu, fejn sar ħabib taż-żewġ patrijarki ta' Lixandra, Ewloġju u San Ġwann l-Elemożinier. Flimkien ma' Mosku, Sofronju kiteb il-ħajja ta' dan tal-aħħar.
- ❖ Mar ukoll Ruma ma' Mosku, u meta dan miet hemm fis-sena 619, ħa ġismu lura lejn il-Palestina u difnu fil-monasteru ta' San Teodożju.
- ❖ Kellu sehem kbir fil-lotta kontra l-ereżija tal-Monoteliti, li kienu jgħidu li Kristu kellu rieda waħda biss, ir-rieda tan-natura divina u mhux ukoll dik ta' bniedem.
- ❖ Fuq din il-kwistjoni kellu kontroversja sew mal-patrijarka Ċiru ta' Lixandra, u kemm ma' Serġju ta' Kostantinopoli.
- ❖ Kiteb ukoll trattat kbir kontra din l-ereżija, issa mitluf, fejn ġabar 600 test tas-Santi Padri dwar iż-żewġ ridiet ta' Kristu.
- ❖ Għandna tiegħu għaxar omeliji fuq bosta festi tas-sena, magħrufa għall-kontenut dommatiku u għall-istil retoriku tagħhom.
- ❖ Kiteb ukoll il-ħajja ta' San Ċiru u ta' San Ġwann, żewġ martri Lixandrini, talli kienu ħelsuh mill-mard tal-għajnejn u l-ħajja ta' Santa Marija mill-Eġittu.
- ❖ Ġie magħżul patrijarka ta' Ġerusalemm fis-sena 634.
- ❖ Minnufih laqqa' konċilju biex jikkundanna l-ereżija tal-Monoteliti, u bagħat l-ittra sinodali mwettqa mis-sitt konċilju ġenerali, lill-Papa Onorju, biex ifakkru li s-skiet fuq din il-kwistjoni kien x'aktarx ta' dannu aktar milli ta' ġid.
- ❖ Waqt il-patrijarkat tiegħu kellu jsofri l-waqgħa ta' Ġerusalemm taħt l-Għarab. Waqt l-assedju tal-belt qaddisa ħa sehem bil-qlubija tiegħu fid-difiża, u mbagħad irranġa l-waqgħa tal-belt mal-kaliffu Omar (636), fejn kiseb il-libertajiet ċivili u reliġjużi lill-insara bi ħlas ta' taxxa.
- ❖ Miet x'aktarx fil-11 ta' Marzu, 638.

**Riflessjoni:**

"Ah!, kieku kellek biss timmaġina l-premju li hemm imħejji għal dawk li jipperseveraw fil-fidi sal-aħħar, kont tirrinunzja kull glorja temporali biex tikseb lilu."

San Ewloġju ta' Cardoba

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 30, it-2 punt**

*To model your conversation on that of the two disciples (of Emmaus) and Jesus Christ with them, it is good for you to know, first of all, what these two disciples were talking about. They spoke only of good things, of what had happened in Jerusalem at the death of Jesus Christ, about his holy deeds and miracles, and about the admirable life that caused him to be so greatly honored by the entire people that they regarded him as a great Prophet and even as the Messiah who was to deliver Israel. They also spoke about the rumors that were spreading about his Resurrection.*

*Topics of this kind ought to make up the ordinary matter of conversation among religious and those who live together in community. Since they have left the world and live apart from it, their conversations must also be entirely different from those of worldly people. It would be of slight advantage for them to be separated from the world in body if they were not taking on a spirit quite opposed to that of worldlings; this they ought to show particularly in their conversations.*



**TALBA lil Ġesù msallab**

*O Ġesu' maħbub tiegħi,*
*mixħut għarkupptejja quddiemek,*
*nitolbok bl-akbar ħrara li tnissel f'qalbi,*
*twemmin, tama u mħabba l-aktar qawwija,*
*kif ukoll indiema kbira ta' dnubieti,*
*u fehma sħiħa li ma nerġax noffendik;*
*filwaqt li jiena, bl-imħabba u bil-ħniena kollha,*
*sejjer naħseb fuq il-ħames pjagi tiegħek,*
*b'dak il-kliem quddiem għajnejja,*
*li qal fuqek il-profeta David :*
*'Nifduli idejja u riġlejja:*
*għaddewli l-għadam tiegħi kollu'*

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 12 ta' Marzu**

San Massimiljanu – martri
San Lwiġi Orione - saċerdot
Il-Beata Anġela Salawa - lajka

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. Ġeremija 11: 18-20 — Bħal ħaruf ġwejjed meħud għall-qatla.
2. Salm 7: 2-3.9-12 — Mulej, Alla tiegħi, fik il-kenn tiegħi.
3. Ġwanni 7: 40-53 — Mela l-Messija għandu jiġi mill-Galilija?

**San Lwiġi Orione (1872-1940)**

- Lwiġi Orione twieled f'Pentecurone fl-Italja ta' Fuq nhar it-23 ta' Ġunju 1872, ir-raba' wild ta' Vittorio naġġar u ħaddiem fit-tiswijiet tat-toroq, u Carolina Feltri, bidwija. Trabba f'faqar kbir. Hu stess kiteb: *"Ommi kienet tlibbisni l-ħwejjeġ ta' ħija l-kbir, li kien tlettax-il sena akbar minni. Dawn il-ħwejjeġ ġa kienu ntlibsu mit-tliet ħuti ta' qabli. Iżda ommi tatna trobbija tajba u tellgħatna nies onesti."*
- Ta' għaxar snin beda jmur igħin lil missieru fix-xogħol tal-ġebel u t-tiswijiet tat-toroq. Billi kienu jaħdmu wkoll fix-xita u fiċ-ċpar, ommu xtratlu umbrella billi għal tifel ta' għaxar snin ma kinitx ħaġa tajba li jixxarrab. Iżda, meta darba minnhom ommu ratu dieħel id-dar imxarrab għasra u bla umbrella staqsietu: *"fejn ħallejtha l-umbrella?" "Mamà,"* weġibha *"fit-triq iltqajt ma' xiħ li kien imxarrab għasra u tajthielu."* Darba oħra waqt li kien qed igħin lil missieru jilmaħ tfajjel deformat, kważi mostru, aktar ikaxkar riġlejh milli jimxi. Dan it-tifel resaq fuqu u talbu jagħtih biċċa ħobż għall-imħabba t'Alla. Għall-ewwel Lwiġi ħassu jibża' minnu, iżda mbagħad fetaħ il-barżakka u tah il-kolazzjon tiegħu kollu. Imbagħad wasslu biċċa mit-triq u ħallieh iserraħ fuq spalltu.
- F'Settembru 1889, Lwiġi daħal is-seminarju, fejn dehret tispikka fih il-ħeġġa biex jgħin lill-oħrajn bħal, per eżempju jifrex is-sodod, jiknes il-kurituri u l-klassijiet, jieħu ħsieb il-morda u jmidd idejh f'kull xogħol ieħor li jinqala'.
- Filwaqt li San Ġwann Bosco llimita x-xogħol tiegħu għas-subien, Lwiġi ried li jaqdi wkoll lix-xjuħ, lill-morda, lill-orfni u lill-bniet. Darba minnhom il-providenza wrietu x'kellu jagħmel.
- Fil-Ġimgħa Mqaddsa ta' 1892, Lwiġi lemaħ tifel inkwetat għall-aħħar wara li kien qala' ċanfira iebsa mingħand il-qassis li kien qed jgħallmu l-katekieżmu,. Lwiġi pprova jsabbru, tah rigal ċkejken, ħadu u beda jgħallmu hu stess il-katekiżmu.
- Kien ordnat qassis minn Monsinjur Bandi nhar Sibt il-Għid, fit-13 ta' April 1895. Hekk kif ordna saċerdot, beda joħrog il-fuljett "Ix-Xrara" (1895) u fl-1898 beda joħroġ 'L-Opra tal Providenza Divina'.
- Dwar l-imħabba lejn il-foqra Dun Orione kien jisħaq mad-dixxipli tiegħu: "Seba' '**F**'-ijiet huma meħtieġa fil-ħidma tagħna: irridu nkunu lesti li nbatu **'fame'** (ġuħ), **'freddo'** (kesħa), **'fumo'** (sħana), **'fastidi'** (inkwiet) u **'fatiche'** (għejja), dejjem iggwidati mill-'**Fidi'** u dejjem lesti biex ngħidu **'Fiat'** lill-volontà tal-Providenza Divina." *"Agħmlu l-ġid lil kulħadd, agħmlu l-ġid dejjem u d-deni lil ħadd."*
- Il-Papa San Ġovanni XXIII kellu qima kbira lejh. Għall-mistoqsija li għamillu Douglas Hyde, l-ex-kommunista Ingliż li kkonverta għall-Kattoliċiżmu, il-Papa Ġwanni XXIII kellu dan il-kliem ta' tifħir fuq Don Orione: *"Don Orione kien l-aktar bniedem karitattiv li qatt kont naf. Il-karità tiegħu kienet tisboq lil dik ta' kull persuna oħra li qatt qrajt jew smajt fuqha; huwa mar ħafna 'il bogħod mil-limiti normali. Don Orione kien konvint li seta' jirbaħ id-dinja kollha bl-imħabba."*

**Riflessjoni:**
It-tagħlim ta' Ġesù jħalli l-ġemgħa f'nuqqas ta' qbil. It-tagħrif tiegħu li kien ħiereġ minn fomm ta' bniedem, għaġġeb lis-semmiegħa li madankollu xtaqu jiddiskutu. Dan in-nuqqas ta' ftehim ġara kollu għax ma fehemuhx. Xi wħud għarfuh bħala profeta li kien qed jitkellem bi kliem t'Alla. Min għarfu bħala l-midluk ta' Alla, sejjaħlu l-Messija. Dawk li kienu jafu li trabba l-Galilea ddubitaw bl-identità tiegħu ta' Messija. Kollha għandhom xi ftit raġun imma fallew milli jindunaw b'dak li ma jafux; għalkemm trabba fil-Galilea, hu twieled f'Betlem; għalkemm twieled bħala bniedem hu ġej bħal Alla Etern mingħand il-Missier. Fr. Timothy Bellamah O.P., *Praying with Saint John's Gospel*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 103, silta mill-1 punt**
*Saint John's disciples came to our Lord to ask if he was the Christ or if they ought to expect another. Jesus Christ, who had performed several miracles in their presence to let them know that he was indeed the Messiah, told them, in concluding his discourse, that the Good News is preached to the poor. This ought to encourage greatly all the faithful to work courageously at the great enterprise of their salvation, especially those whose birth has constrained them to live in poverty and in the privation of this world's goods.*



**TALBA**

*Kristu, int meħtieġ għalina,*
*l-uniku veru mgħallem*
*tal-virtujiet mistura iżda meħtieġa tal-ħajja,*
*biex nagħarfu d-destin tagħna*
*u t-triq biex nimxu lejk.*
*Inti meħtieġ għalina,*
*O Redentur li fdejtna,*
*biex nikxfu l-miżerja tagħna u nfejquha;*
*biex insawru l-kunċett tat-tajjeb u l-ħażin*
*u t-tama tal-qdusija;*
*biex nistqarru dnubietna u naqilgħu l-maħfra.*
*Int meħtieġ għalina,*
*Ammen*.

Papa Pawlu VI - Beatu

**Missierna ...**

**Il-Ħadd, 13 ta’ Marzu**
**Il-Ħames Ħadd tar-Randan**

*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

1. Iżaija 43: 16-21 Sejjer nagħmel ħaġa ġdida biex nisqi l-poplu tiegħi.
2. Salm 125: 1-6 Kbir f’għemilu l-Mulej magħna.
3. Filippin 3: 8-14 Minħabba fi Kristu ridt li nitlef kollox.
4. Ġwanni 8: 1-11 Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla.

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Wara l-konfużjoni tal-folla rabbjata l-episodju tal-vanġelu tal-lum jagħlaq bil-pjazza titbattal ftit, ftit u l-attenzjoni taqa’ fuq iż-żewġ protagonisti – Ġesù u l-mara, jew kif josserva Santu Wistin – il-miżerja u l-ħniena. Fl-aħħar jibqgħu huma t-tnejn biss, għax din biss kienet ir-realtà, il-bqija kollox kien reċta li fl-aħħar tisparixxi.
- L-iskribi u l-fariżej, jinħbew wara faċċata ta’ reliġjożità u moralità retta u jaħbu l-vojt totali tal-kuxjenza. Fil-fatt ma jiddejqux jistrumentalizzaw lil Mosè u jużaw il-liġi bħala arma taparsi jħobbu s-sewwa meta fil-fatt jippruvaw jonsbu lil Ġesù biex jaqbduh f’xi ħaġa li jistgħu jakkużawh fuqha. Jixħtu l-adulterà fil-pjazza f’riġlejn Ġesù, għalihom hi issa ma tiswa xejn, hi saret id-dnub tagħha; l-adulterju tagħha, għalhekk għandha tiġi mħaġġra għax id-dnub ma jistax jibqa’ jeżisti. Jippruvaw jieħdu l-parir ta’ Ġesù, imma ma jiħdux tweġiba mingħandu għax għall-gideb inutli twieġeb.
- L-iben t’Alla jitbaxxa fl-art sieket lejn il-mara u jnaqqax fiha sinjali misterjużi u kliem li jerġgħu jagħtuha futur. Ġesù baxxut mal-art iġedded f’dik il-mara, l-att divin tal-ħolqien u jerġa’ jonfoħ fiha n-nifs tal-imħabba t’Alla li jagħti l-ħajja. Fit-“trab” ta’ dik il-ħajja msejkna, Ġesù jikteb il-maħfra inifinità li ssalvana mill-mewt. Lil dawk li mingħalihom se jsalvaw il-qdusija tal-Ħallieq billi jfarrku ‘l-ħlejqa, Ġesù jurihom x’inhi r-rieda t’Alla li kienu jinterpretaw bil-liġi ta’ Mosè, kif ifakkarna l-kittieb franċiż Georges Bernanos “mhi xejn ħlief ħniena ħelwa t’Alla, l-oċean infinit ta’ mħabba ħielsa li toħloq libertà u ħajja matul ix-xtut tiegħu.”
- Din l-imħabba ma tridx il-mewt tal-midneb, imma li jikkonverti u jgħix. Ġesù mhux biss juri l-imħabba infinita tal-Missier imma jkompli “*Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla.*” Alla li refa’ lill-adultera mit-trab jibdel fi trab is-suppervja u l-preżunzjoni ta’ dawk li akkużawha. Mhux ta’ b’xejn jitilqu wieħed, wieħed u jħallu x-xena għall-uniċi żewġ realtajiet tad-dinja u tal-istorja; id-dnub tal-bniedem – għax kull bniedem huwa midneb – u l-ħniena t’Alla.

- Meta Alla juri lilu nnifsu id-dinja tixgħel bil-verità tal-ħniena tiegħu li terġa' tagħti t-tama lill-bniedem, għax teħilsu mill-jasar tal-ħażen tal-passat u tagħtih futur ġdid. Il-ħniena tiegħu tidher ukoll meta twaqqa' l-illużjonijiet u l-preżunzjonijiet tagħna li jwassluna biex inkunu suppervi u vjolenti lejn l-oħrajn. Ġesù stess huwa l-verità ta' din il-ħniena divina li tbeżbiżna għax meta niġġudikaw lill-oħrajn ifisser li nkunu nikkundannaw lilna nfusna, u jfakkarna li huwa dmir tad-dinja kollha li tiġġieled kontra l-ħażen imma biex teħles lill-bniedem, mhux biex tfarrku.

*"La realta' e' Cristo, commento ai vangeli domenicali e festivi" Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 4, silta mit-2 punt**

*It is said of Saint John that he preached penance for the remission of sins, because it is penance that procures the remission of sins for those who have offended God. Saint Peter said to the Jews in the Acts of the Apostles, Do penance, and be converted, so that your sins may be forgiven. For such is the specific end of this virtue; it alone can appease the heart of God irritated against sinners. God tells us this in Ezechiel, saying that if the wicked man does penance for all the sins he has committed, keeps all my precepts, and acts according to equity and justice, I will no longer remember all his iniquities, and they will no more be imputed to him*



**Talba**

*O, int, Mulej kollok ħniena,*
*warajk biss nixxennaq jiena.*
*Jien ninsab mifxul*
*bil-ħafna ħwejjeġ li fiha d-dinja.*
*Int, li terfa' l-piż tad-dinja kollha,*
*ma tridx terfa' wkoll l-piż ta' din*
*il-qalb imsejkna?*
*Int, O Mulej, it-tama u l-mistrieħ tiegħi.*
*Jekk toqgħod maġenbi, xejn ma jista' jiġrili,*
*l-ebda periklu ma jista' jegħlibni.*
*O Mulej, Alla tiegħi,*
*jien għandek niġi*
*biex fik infittex il-kenn tiegħi.*
*Agħmilni dehen li nikseb il-ferħ tiegħek.*
*Ammen.*

Bro. Louis

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 14 ta' Marzu**
Santa Matilde – reġina
Il-Beatu Plaċidu Riccardi

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Danjel 13: 1-9.15-17.19-30.33-62 | Issa se mmut, u minn dak li fil-ħażen tagħhom qalgħu fuqi jiena m'għamilt xejn. |
| 2. Salm 22: 1-3a.3b-4.5.6 | Ma nibżax mill-ħsara, Mulej, għax inti miegħi. |
| 3. Ġwanni 8: 12-20 | Jiena d-dawl tad-dinja. |

## IL-BEATU PLAĊIDU RICCARDI (1844-1915)

- ❖ Kien jismu Tommaso u twieled fi Trevi, fl-Umbrija (l-Italja). It-tielet minn għaxar ulied. Wara pellegrinaġġ fis-Santwarju tal-Madonna ta' Loreto u kors ta' eżerċizzji spiritwali, ta' 22 sena qatagħha li jidħol mal-Benedittini ta' San Paolo Fuori le Mura, f'Ruma. Għamel il-professjoni reliġjuża f'Jannar, 1868 u biddel ismu għal Plaċido.
- ❖ Inqabad bil-lieva, u talab li jkun eżentat għal ftit jiem biex jispiċċa l-eżamijiet, imma ġie ddikjarat bħala diżertur. Ġie wkoll arrestat u kkundannat għal sena ħabs, imma wara xahrejn kien maħfur għax qabżu għalih is-superjuri tiegħu, u mibgħut mar-riġment f'Pisa (1870). Wara eżami mediku nstab mhux tajjeb għal suldat, u fis-27 ta' Jannar 1871 ġie meħlus mil-lieva.
- ❖ Ħdax-il jum wara daħal fl-abbazija San Paolo, fejn fl-10 ta' Marzu għamel il-professjoni solenni u fil-25 ta' Marzu kien ordnat saċerdot. Kien direttur spiritwali ta' prudenza u ġentilezza liema bħalhom.
- ❖ Huwa okkupa diversi karigi matul il-ħajja reliġjuża tiegħu. Kien organista u viċi-prefett tal-istudenti; kappillan u konfessur tas-sorijiet Benedittini f'Amelia, u fl-aħħar ta' ħajtu kien jieħu ħsieb is-santwarju-abbazija ta' Farfa, jipprietka, iqarar u jaqdi lill-foqra. Hawn dam b'kollox 20 sena.
- ❖ L-aħħar sentejn u nofs, minħabba l-mard, għaddiehom San Paolo f'Ruma, megħjun mid-dixxiplu u ħabib tiegħu Don Ildefonso Schuster, li wara sar kardinal, isqof ta' Milan u anki wkoll iddikjarat beatu. Kien dan Schuster li kiteb l-ewwel bijografija ta' Plaċidu.
- ❖ Kien jgħaddi ħinijiet twal quddiem l-Ewkaristija, speċjalment matul il-lejl. Kellu wkoll imħabba kbira lejn il-Verġni Marija. Kien jaħqar lil ġismu u jitlob ħafna għall-erwieħ tal-purgatorju. Kien jipprietka bi stil sempliċi.
- ❖ Tant kien umli li kien iqis lil kulħadd bħala superjur tiegħu. Kellu rispett anki lejn l-annimali tant li darba qal lil sieħbu Ildefonsu Schuster biex jidħol fil-kunvent mill-bieb ta' wara biex ma jqajjimx lill-kelb li kien rieqed fuq l-għatba

tal-bieb tal-faċċata. Plaċidu kien jagħmel penitenzi kbar u kien jagħti kulma jkollu, tant li s-superjuri kellhom jordnawlu l-moderazzjoni.

- Il-Beatu Plaċidu Riccardi miet ta' 70 sena fl-14 ta' Marzu, 1915. Fl-1925, il-fdal tiegħu ttieħed fl-abbazija ta' Farfa. Kien iddikjarat beatu fil-5 ta' Diċembru 1954.

**Riflessjoni:**

Il-Mulej qalli, "*M'għandu jkollu l-ebda importanza għalik kif ħaddieħor ikun qed iġib ruħu; inti trid tkun ir-rifless ħaj tiegħi, permezz tal-imħabba u l-ħniena".* Jiena weġibt, *"Mulej, imma ta' spiss japprofittaw ruħhom mit-tjubija tiegħi.*"
*"Dik il-ħaġa ma tagħmel l-ebda differenza, binti. Mhix affarik. Inti għandek dejjem turi ħniena ma' nies oħrajn, u speċjalment mal-midinbin."*

Mid-djarju ta' Santa Fawstina

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 44, silta mit-3 punt**

*Although these great truths are so admirable and exalted and the Spirit of God, the true Light, enlightens souls concerning them, the majority of people understand nothing of these truths, because, as the Gospel says, they prefer darkness to the light and know neither the Spirit of God nor what the Spirit is capable of inspiring and producing in souls.*
*The reasons for this, according to Jesus Christ, are that their works are evil and that everyone who does evil hates the light. Because the world is blinded by sin, it follows maxims entirely contrary to those that the Holy Spirit teaches to holy souls. The world is guided by these false precepts, which are the source of its sins and of the corruption of hearts.*



**TALBA**

*Alla ta' dejjem,*
*agħtina d-dawl*
*biex nifhmu sewwa r-rieda tiegħek,*
*biex nirrinunzjaw dak li jweġġgħana,*
*u biex infittxu dik il-perfezzjoni li aħna mwegħda,*
*f'Ġesù Kristu sidna,*
*Ammen.*

*Reflections for Lent*

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 15 ta' Marzu**

Santa Lwiża de Marillac

San Klement M. Holbauer

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. Numri 21: 4-9 — Alla tagħna ġej biex isalvana.
2. Salm 101: 2-3.16-21 — Mulej, isma' t-talba tiegħi.
3. Ġwanni 8: 21-30 — Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem, imbagħad tagħarfu li jiena hu.

**SAN KLEMENT M. HOFBAUER (1751-1820)**

- Dan l-appostlu ta' Varsavja u ta' Vjenna twieled fil-Moravja fis-26 ta' Diċembru 1751, u fil-magħmudija tawh l-isem ta' Ġwanni. Kien id-disa' minn tnax-il wild ta' Ġermaniż bejjiegħ il-laħam u omm mir-Repubblika Ċeka.
- Fi tfulitu kien apprentist furnar u ħadem bħala furnar fil-monasteru tal-Premostratensi fi Bruck; wara mar jgħix bħala eremit. Meta l-Imperatur Ġużeppi ordna li l-eremetaġġi jispiċċaw, hu beda jaħdem bħala furnar fi Vjenna. Imma reġa' sar eremit flimkien ma' ħabib tiegħu. Pietru Kunżmann, bil-permess tal-isqof Chiaramonti, il-futur Papa Piju VII.
- Klement studja fl-Università ta' Vjenna u f'Ruma ma' ħabib tiegħu jismu Taddew Hubl, u t-tnejn daħlu mar-Redentoristi f'Ruma u Klement żied l-isem ta' Marija ma' ismu. Huma kienu ordnati saċerdoti fl-1785 meta hu kellu 34 sena.
- It-tnejn kienu mibgħutin fi Vjenna, imma billi hemm ma setgħux iwaqqfu l-ordni, ir-Redentoristi kienu mibgħuta f'Courland fil-punent tal-Latvja. Fi triqthom, il-ħabib antik tiegħu Kunżmann ingħaqad magħhom bħala fratell.
- Fuq talba tan-nunzju tal-Papa huma marru f'Varsavja fejn kellhom bħala ċentru l-knisja ta' San Benno, minn fejn huma ddedikaw ruħhom f'ħidma missjunarja. Fl-għoxrin sena li għamlu f'dik il-belt huma kellhom suċċess kbir fost il-Pollakki, il-Ġermaniżi, il-Protestanti u l-Lhud.
- Klement ħadem fost il-foqra, bena orfanatrofji u skejjel, u bagħat missjunarji Redentoristi fil-Ġermanja u fl-Isvizzera.
- Meta Napuljun issoppressa l-ordnijiet reliġjużi fir-territorji tiegħu, fl-1808 Klement u sħabu r-Redentoristi kienu arrestati u mitfugħin il-ħabs, u mbagħad kull wieħed minnhom kien imkeċċi għal pajjiż li fih kien twieled. Klement iddeċieda li jmur joqgħod fi Vjenna u ħadem fil-kwartier Taljan ta' dik il-belt.
- Meta kien maħtur kappillan tas-sorijiet Ursolini u rettur tal-knisja annessa mal-kunvent tagħhom, hu beda jiġbed l-attenzjoni tan-nies bil-prietki li kien jagħmel u l-ħajja qaddisa tiegħu, kif ukoll għall-għerf u l-għaqal tiegħu bħala konfessur.

- ❖ Klement waqqaf kulleġġ kattoliku fi Vjenna u kien influwenti ħafna biex jerġa' jqajjem mill-ġdid il-ħajja reliġjuża tan-nazzjonijiet Ġermaniċi. Hu anki għeleb, flimkien mal-Prinċep Rupert tal-Bavarja, attentat li sar fil-Kungress ta' Vjenna biex titwaqqaf Knisja Nazzjonali Ġermaniża.
- ❖ Klement Hofbauer iġġieled ukoll b'qawwa kbira l-kunċett sħiħ tal-Ġużeppiniżmu (jiġifieri d-dominazzjoni tal-Knisja u tal-ġerarkija mill-awtorità sekulari). Għal din l-imġiba tiegħu hu sab oppożizzjoni iebsa, hekk li l-Kanċillier tal-Awstrija talab li Klement jitkeċċa barra mill-pajjiż, imma l-Imperatur Franġisku I tal-Awstrija ma ppermettilux.
- ❖ San Klement Marija Hofbauer miet fi Vjenna nhar il-15 ta' Marzu 1820 ta' 68 sena. Għall-funeral tiegħu, li sar fil-katidral ta' Vjenna, attendew eluf ta' nies.
- ❖ Huwa kien iddikjarat qaddis mill-Papa San Piju X fl-1909. Huwa l-qaddis patrun ta' Vjenna, kif ukoll tal-vokazzjonijiet tardivi.

**Riflessjoni:**
Meta nħarsu lejh imsammar fuq is-salib ma tantx nieħdu impressjoni tajba ta' sultan – għallinqas nistennewh ikun aktar assertiv! Minflok narawh insolentat – anki mill-ħalliel imsallab ħdejh li kien ikkundannat għal xi reat. Sal-qassisin insolentawh b'Alla l-Missier li tant kien jgħożż. U hu baqa' fommu magħluq. Meta tkellem kien biss biex jaħfer, jew jieħu ħsieb ommu, jew jitkellem ma' Alla Missieru, jistaqsih għaliex kien abbandunah.
Illum, mhux inqas minn dakinhar, is-Sultan tal-Ħolqien għadu jkun insulentat ...

Fr. Harry Formosa, S.J., *Sibt 'l Alla fid-deżert*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 27, silta mit-2 punt**
*Jesus Christ suffered no less in his body than in his soul. He was bound and shackled disgracefully by the soldiers. His head was crowned with thorns, which were beaten in by heavy blows from a rod. Several soldiers spat in his face; others slapped him. He was so cruelly whipped that the blood flowed from every part of his body. They hoisted a heavy cross onto his shoulders; they gave him gall and vinegar to drink, and finally they crucified him between two thieves, piercing his hands and feet with large nails and his side with a lance.*

**TALBA**



*Mulej Alla,*
*nirringrazzjawk*
*għall-imħabba u l-ħniena tiegħek,*
*għal dik it-tgħannieqa tiegħek ta' mogħdrija.*
*Agħtina l-grazzja li ma niġġudikawx lil ħaddieħor,*
*imma li jkollna mġiba ta' ħlewwa u mħabba*
*bħal dik ta' Ġesù.*
*Ammen*.

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, 16 ta' Marzu**

Il-Beatu Torello – eremit

Il-Beati Ġwanni Amais u Robertu Dalby – presbiteri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1.Danjel 3: 14-20,91,92,95 | Alla bagħat l-anġlu tiegħu u ħeles lill-qaddejja tiegħu. |
| 2.Salm Danjel 3: 52-56 | Ta' min ifaħħrek u jgħollik fuq kollox għal dejjem. |
| 3.Ġwanni 8: 31-42 | Jekk l-iben jeħliskom, tkunu tabilħaqq ħielsa. |

**IL-BEATI ĠWANNI AMAIS U ROBERTU DALBY - martri**

**Ġwanni Amais (†1589)**

- Ġwanni Amais, magħruf ukoll bħala Ġwanni Anna, twieled f'Wakefield, West Riding, l-Ingilterra.
- Huwa kien miżżewweġ u kellu ħafna tfal. Iżjed tard safa' armel, u għalhekk qassam il-propjetà tiegħu kollha lil uliedu u ddeċieda li jidħol is-seminarju biex jistudja għal saċerdot. Huwa mar jistudja f'Rheims, Franza. Ġie ordnat saċerdot fl-1581.
- Huwa rritorna lejn l-Ingilterra bħala missjunarju, biex jikkonverti nies għall-kattoliċiżmu.
- Meta kien fid-dar ta' ċertu S. Murton, f'Lanchashire, ġie arrestat.

**Robertu Dalby (†1589)**

- Robertu Dalby twieled f'Hemingborough, Yorkshire, l-Ingilterra. Kien ministru tal-prostestanti li kkonverta għall-kattoliċiżmu.
- Mar jistudja, biex isir saċerdot f'Douai u Rheims, Franza. Ġie ordnat saċerdot fl-1588.
- Reġa' lura pajjiżu, l-Ingilterra, biex jaħdem kemm jista' u jikkonverti l-protestanti għall-kattoliċiżmu.
- Ġie arrestat fl-1589.

Ġwanni Amais u Robertu Dalby ġew mixlija li huma saċerdoti kattoliċi u qed jitradixxu l-kuruna u nqatgħatilhom għall-mewt. Huma ġew mgħallqa fis-16 ta' Marzu 1589, f'York. Huma kienu venerati mill-Papa Ljun XIII, fid-9 ta' Diċembru 1886. Fit-8 ta' Diċembru tal-1929, il-Papa Piju XI, tahom id-digriet tal-martirju. Ġew ibbeatifikati mill-istess Papa Piju XI, ġimgħa wara, jiġifieri fil-15 ta' Diċembru 1929.

**Riflessjoni:**

X'inhi l-verità? Għal xi wħud din hija relattiva, suġġettiva u bbażata biss fuq l-esperjenza. Ġesù jgħallimna li mhijiex hekk. Lanqas hija sempliċiment idea jew inkella xi tagħlim. Infatti l-verità hija persuna – u din il-persuna hija Ġesù Kristu. Huwa qalilna "*Jiena t-triq, il-verità u l-ħajja" (*Ġw.14:6) Hu għallimna wkoll li l-verità tagħtina l-libertà '*Tkunu tafu l-verità u l-verità teħliskom'*(Ġw.32). Ġesù bagħatilna l-Ispirtu s-Santu biex imexxina lejn il-verità f'Alla: "*Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha"* (Ġw.16:13). Meta aħna naqraw l-Iskrittura, aħna nintefgħu f'riġlejn Alla, u nixorbu minnu, hu li hu n-nixxiegħa tal-verità kollha.

*Walk with Me*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 93, silta mit-2 punt**

*In this mystery (the circumcision) Jesus Christ carried out his function and his role as Redeemer of all by shedding his blood out of the love he has for us. By this outpouring of his blood, he showed that he was beginning to take on the burden of our sins and to appear on earth as a sinner, first, because under the Old Law, circumcision was established only for sinners; second, because Jesus Christ, appearing in this world as the high priest of future blessings, according to Saint Paul, offered himself to God in the Temple on this day as a spotless victim to purify our consciences from dead works, so that in the name of all of us, he might offer to the living and eternal God an act of true worship in his role as Mediator of the New Testament.*

*Is there anything that could be more humiliating for the Son of God than to appear as a sinner, although he is holy, the Just One par excellence? Yet Jesus Christ, although exempt from sin, suffers on this day in his sacred body the pain that we would have been obliged to endure as sinners, while we who have offended God so much consider ourselves and wish to be considered as innocent and just. We seek and think we have a right to our comfort; we give all our attention to avoid work and suffering.*



**TALBA**

Verb Etern,
kelma ta' Alla tiegħi,
irrid ngħaddi ħajti nisimgħek:
irrid noqgħod dejjem attenta
biex nitgħallem kollox mingħandek.

Il-Beata Eliżabetta tat-Trinità

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 17 ta' Marzu**
San Patrizju - isqof

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ġenesi 17: 3-9 | Nagħmel minnek missier ħafna ġnus. |
| 2. Salm104: 4-9 | Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu. |
| 3. Ġwanni 8: 51-59 | Missierkom Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien se jara l-jum tiegħi. |

**SAN PATRIZJU (ċ389- ċ461) - isqof**

- ❖ Dan l-appostlu tal-Irlanda twieled aktarx f'Wales madwar is-sena 389. Kien iben familja nisranija u ta' pożizzjoni soċjali aktarx għolja.
- ❖ Ta' sittax-il sena waqa' priġunier f'idejn il-pirati, li ħaduh l-Irlanda fejn għamilha ta' ragħaj u fejn tgħallem l-ilsien Irlandiż. Fis-sitt snin li dam fil-jasar huwa sar bniedem ta' Alla billi kien jitlob fit-tul waqt li kien jirgħa n-ngħaġ, u anke bil-lejl. Imnebbaħ minn Alla, Patrizju ħarab mill-jasar u rritorna d-dar. Iżda fil-ħolm kien jisma' l-ilħna tal-Irlandiżi jgħidulu: "*Ejja u erġa' imxi fostna*."
- ❖ Sabiex iħejji ruħu għal din il-missjoni, Patrizju mar f'Auxerre (Franza) taħt id-direzzjoni tal-Isqfijiet Amatore u Ġerman, u meta waslet l-aħbar tal-mewt ta' Palladju, li kien mar jevanġelizza l-Irlanda imma bi ftit suċċess, hu telaq biex jeħodlu postu wara li ġie kkonsagrat isqof.
- ❖ Madwar is-sena 432 (meta allura kellu madwar 43 sena) niżel l-art ma' sħabu ħdejn Wicklow. Il-missjoni tiegħu ħalliet frott kbir, speċjalment fil-provinċji ta' fuq tal-gżira. Hawn huwa kellu jikkumbatti l-paganiżmu, waqqaf għadd kbir ta' knejjes u ta' kunventi, għalkemm kien imfixkel mhux ftit mis-saċerdoti saħħara pagani, imsejħin 'druwidi', li kienu jgħammru fil-boskijiet.
- ❖ Wara li għamel vjaġġ għal Ruma (c. 442), Patrizju waqqaf is-sedi tiegħu fil-belt ta' Armagh, li saret iċ-ċentru tal-missjonijiet tiegħu u aktar tard saret is-sedi primazjali tal-Irlanda kollha. Fil-belt ta' Naas, li kienet il-belt irjali ta' dawk iż-żminijiet, Patrizju għammed liż-żewġ ulied tar-re ta' Leinster. Minn hawn, huwa mar Munster, fejn għammed lil Aengus, iben ir-re. Minn fejn kien jgħaddi huwa kien jikkonverti l-kapijiet, persważ li l-poplu kien jimxi warajhom.
- ❖ Il-qaddis kiteb ħajtu fil-qosor u semmieha *Stqarrija*. Huwa kien jirrifjuta li jaċċetta rigali u ddefenda lilu nnifsu kontra akkużi foloz. Kien promutur kbir tal-verġinità kkonsagrata u kellu konvinzjoni sħiħa tas-sejħa personali tiegħu għall-appostolat. Għal ħidmietu jixraqlu tassew it-titlu ta' Appostlu Nazzjonali tal-Irlanda
- ❖ San Patrizju miet fis-17 ta' Marzu, għall-ħabta tas-sena 461 meta kellu madwar 72 sena. L-Irlandiżi kollha jżommu dan il-jum bħala festa pubblika.

**Riflessjoni:**
Ġesù qal: "*min iħares il-kelma tiegħi ma jara qatt il-mewt*" (Ġw. 8:51). X'ried jgħid b'din? Ried ifisser li lil hemm mill-qabar hemm il-ħajja, li r-ruħ wara l-mewt tibqa tgħix, li fl-aħħar ġudizzju, ir-ruħ u l-ġisem jerġgħu jingħaqdu u ngħixu ma' Alla għal dejjem. B'liema awtorità kien Ġesù jgħid dawn il-ħwejjeġ? Bl-awtorità li ġiet mogħtija lilu mill-Missier, għax Hu u l-Missier huma ħaġa waħda. Bil-kliem li qal: "*qabel ma' kien Abraham, jien hu*" (Ġw. 8: 57), Ġesù esprima kliem li jistgħu jgħatu attributi lil Alla. Ħa nbaxxu rasna lejn Ġesù, Alla magħmul bniedem, u jekk nemmnu fih insalvaw.

*Walk with me*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 2, silta mit-3 punt**
*After having prepared himself interiorly to preach to the Jewish people and in order to make them ready to receive Jesus Christ, Saint John proposed to them six ways to prepare a path and an entry into their hearts for Jesus Christ. First, he required of them a true horror for sin, reproaching them with being a generation of vipers. Second, he urged them to fear the Last Judgment, assuring them that at that moment their sins would be closely scrutinized and strictly judged. Flee, he urged them, from the wrath to come. Every tree that does not bear good fruit will be cut down and thrown into the fire. Third, to help them escape the rigor of that judgment, he incited them to do penance by the words: Bring forth worthy fruits of penance. Fourth, he did not want them to be satisfied with lamenting their sins and doing penance for them; he wanted them to do good works, without which their penances would be of no avail. This he pointed out to them by these words: Every tree that does not bring forth good fruitwill be cut down and thrown into the fire. Fifth, he declared that it was not enough for them to claim Abraham as their father, that they had no right to glorify themselves on that account unless they acted as Abraham did. Do not say, he told them, we have Abraham for our father. Sixth, he gave them to understand that they could not be saved, whatever good deeds they might perform, unless they practiced the good works proper and becoming to their state of life.*



**TALBA**

*Mulej,*
*agħmel li kull ma nara llum*
*filwaqt li nħares lejn*
*l-imħabba tiegħek,*
*il-qawwa tiegħek,*
*u lejn is-sbuħija tal-ħolqien tiegħek.*
*jgħinni biex jien nerġa' niġi lura fi ħdanek,*
*Ammen.*

*Bible Alive*

**Missierna...**



**Il-Ġimgħa, 18 ta' Marzu**
**Il-Verġni Marija Mqaddsa tad-Duluri – Festa ta' Devozzjoni**
San Ċirillu ta' Ġerusalemm – isqof u duttur tal-Knisja

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. Ġeremija 20: 10-13 Il-Mulej miegħi bħal raġel qalbieni.
2. Salm 17: 2-7 Fl-hemm tiegħi lill-Mulej sejjaħt, u semgħani.
3. Ġwanni 10: 31-42 Fittxew li jaqbduh, imma hu ħarbilhom minn taħt idejhom.

**TIFKIRA TAL-VERĠNI MARIJA TAD-DULURI**

Il-poplu Malti juri pubblikament kemm jissieħeb ma' Marija fid-Duluri li ġarrbet f'għaqda ma' binha Ġesù fil-passjoni tiegħu. Xena ta' devozzjoni u ta' konverżjoni u ta' rikonċiljazzjoni, li ma tistax ma ġġibx il-barka ta' Ġesù u Marija fuq pajjiżna.

- Din id-devozzjoni bdiet fis-seklu 15, mill-arċisqof ta' Cologne.
- Fl-172 il-Papa Benedittu XIII daħħalha fil-liturġija. Għalkemm iċ-ċelebrazzjoni uffiċjali ssir fil-15 ta' Settembru, b'danakollu f'Malta, il-poplu Malti ried jissieħeb ma' Marija fil-bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa, jingħaqad ma' Marija fil-passjoni li ġarrbet.
- Bis-saħħa tal-imħabba ta' omm, hekk perfetta, Marija ġarrbet fil-fond ta' qalbha l-piena indeskrivibbli tas-sofferenzi ta' Ġesù, daqslikieku kienet hi li qed tgħaddi minnhom. Is-sofferenzi li ġarrbet Marija, ġraw fil-fond ta' qalbha, ta' omm, bħala riżultat ta' meta hija stqarret mal-Anġlu: *"Isir minni skont kelmtek."*
- Bħalma Marija qalet ***"Iva"*** għal dak li talabha Alla, illum hija qed tgħidilna, "***Agħmlu dak li jgħidilkom hu"***.
- Kienu s-seba' qaddisin tal-Ordni tas-Serviti tal-Madonna Addolorata li xerrdu din id-devozzjoni fl-Ewropa.

**Riflessjoni:**

Din it- t-tislima ta' Eliżabetta nhar iż-żjara tagħha: "*Hienja dik li emmnet*", tilħaq il-qofol tagħha meta *Marija kienet ħdejn is-salib ta' binha* (ara Ġw. 19,25). Il-Konċilju jgħidilna li dan ma seħħx "mingħajr il-ħsieb ta' Alla": "*ingħaqdet sal-qiegħ ma' binha l-waħdani fit-tbatijiet tiegħu u ssieħbet fis-sagrifiċċju tiegħu bil-qalb tagħha ta' omm, hija u tilqa', bl-imħabba kollha, li jkun offert bħala vittma dak li lilu tat it-twelid*"; b'dan il-mod il-Verġni Marija żammet sħiħa r-rabta tagħha ma' binha sa fuq is-salib. Kienet rabta permezz tal-fidi – ta' dik l-istess fidi li biha laqgħet kliem l-Anġlu fil-mument tat-tħabbira tiegħu. Dak il-ħin kienet semgħet ukoll il-kliem: "*Hu jkun kbir ... u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu"* (Lq 1,32-33).

U issa, wieqfa ħdejn is-salib, Marija hija x-xhud, biex nitkellmu ta' bnedmin li aħna, *taċ-ċaħda sħiħa ta' dan il-kliem.* Fuq l-għuda tas-salib Binha kien qiegħed imdendel f'agunija, bħala wieħed ikkundannat. "*Kien imżeblah u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata ... bniedem imżeblah u aħna xejn ma qisnieh": bniedem meqrud* (ara Is. 53,3-5). Kemm mela kienet kbira, kemm qalbiena *l-ubbidjenza tal-fidi* li wriet Marija quddiem il-ġudizzji ta' Alla li qatt ma nistgħu ngħarbluhom! Kif "*intelqet għal kollox f'idejn Alla*" u offrietlu l-qima sħiħa tal-fehma u tar-rieda tagħha lil dak li triqatu ħadd ma jifhimhom! (ara Rum. 11, 33) u kemm ukoll kienet qawwija l-ħidma tal-grazzja fir-ruħ tagħha, kif xterdet għal kollox fiha l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u d-dawl u s-setgħa tiegħu!

*Permezz ta' din il-fidi ngħaqdet b'mod l-aktar perfett ma' Kristu meta hu tneżża' minn kollox.* Għaliex Kristu Ġesù "*għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qgħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, imma xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir, u deher minn barra bħala bniedem",* u proprju fuq il-Golgota *" ċekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt anzi sal-mewt tas-salib"* (ara Fil. 2,5-8). Ħdejn is-salib Marija permezz tal-fidi ssieħbet ma' binha fil-misteru tal-biża' ta' meta ċekken lilu nnifsu. Din hi forsi l-ikbar *kenosis* tal-fidi* fil-ġrajja tal-bniedem. Permezz tal-fidi l-omm tissieħeb fil-mewt ta' binha, fil-mewt li biha fdiena; iżda b'kuntrast mal-fidi tad-dixxipli li ħarbu, il-fidi ta' Marija kienet iktar imdawla. Fuq il-Golgota, Ġesù permezz tas-salib wera darba għal dejjem li hu kien sinjal li jmeruh, *"is-sinjal li jmeruh*" imħabbar minn Xmun. Fl-istess waqt fuq il-Golgota seħħ ukoll il-kliem li Xmun kien qal lil Marija: "*int ukoll sejf jinfidlek ruħek".*

**titbattal mir-rieda tiegħek biex tkun miftuħ għal kollox għar-rieda t'Alla*

Papa San Ġwanni Pawlu II, *Redemptoris Mater*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 164, silta mill-1 punt**

*You have, without doubt, a need for light in this life, where you are always as if upon a stormy sea at the risk of your salvation. Have recourse to Mary. She will enlighten you and help you know God's will for you, because she shares in the light of Jesus Christ, her Son, who came into this world to enlighten everyone (even though many did not recognize him). She is a light shining in the darkness. Ask her often, then, to enlighten your mind and to make it docile to the truth. Because she knows the truth perfectly, it is easy for her to instruct you in the truth and to make you understand what you, who are only in darkness, cannot understand.*

**TALBA**



*Vergni mbierka,*
*bis-setgħa tiegħek agħmel*
*li l-passjoni u l-mewt ta' Kristu ibnek*
*u d-duluri tiegħek*
*ma jkunux bla frott għalija.*
*Ammen.*

**Missierna ...**



**Is-Sibt, 19 ta' Marzu**
San Ġużepp – l-għarus tal-Imqaddsa Verġni Marija
Il-Beatu Marċel Ċallo – lajk u martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. 2Samwel 7: 4-5,12-14,16 — Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru.
2. Salm 88: 2-5,27,29 — In-nisel tiegħu jibqa' għal dejjem.
3. Rumani 4: 13,16-18,22 — Meta ma seta' jara ebda tama, huwa ttama u emmen.
4. Mattew 1: 16,18-21,24a — Ġużeppi għamel kif ordnalu l-Anġlu tal-Mulej.
   *jew*
   Luqa 2: 41-51a — Missierek u jien konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma.

**SAN ĠUŻEPP GĦARUS TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA (l-ewwel seklu)**

- San Ġużepp, l-għarus tal-Madonna, kien magħżul minn Alla biex ikun il-Missier putattiv tal-iben t'Alla magħmul bniedem. L-evanġelji jagħtuna ftit tagħrif fuq dan il-qaddis, imma jfaħħruh biżżejjed meta jsejħulu "*bniedem ġust*" li fil-lingwaġġ bibliku jfisser "*imżejjen b'kull virtù*".
- Ġużepp kien ġej min-nisel ta' David, u kien jaħdem ta' mastrudaxxa-ħaddied f'Nazzaret. Tradizzjoni qadima li żammet l-għeruq tgħid li hu kien xiħ ħafna meta żżewweġ lil Marija. Din jidher li kellha l-iskop biex tenfasizza t-tnissil verġinali ta' Ġesù, imma filfatt m'għandniex naħsbu li San Ġużepp kien xiħ meta żżewweġ lil Marija.
- Meta l-anġlu Gabrijel deher lil Marija u qalilha li kellha ssir l-omm tal-iben ta' Alla, qalilha wkoll li dak kien se jseħħ mhux bil-ħidma ta' bniedem iżda bl-Ispirtu s-Santu. Meta seħħet it-tħabbira tal-anġlu, Marija kienet diġà mgħarrsa ma' San Ġużepp. Imma hi ma għarrfitu xejn b'dak li kien seħħ fiha u ħalliet lil Alla jaħdem hu. Meta Ġużeppi ntebaħ li Marija saret omm, hu ħaseb li jitlaqa' bil-moħbi, imma l-anġlu tal-Mulej għarraf ukoll lil Ġużeppi li dak li seħħ f'Marija kien sar bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u li hu kellu jagħtih l-isem ta' Ġesù. Imbagħad Ġużeppi ħa għandu lil Marija.
- Ġużeppi jissemma fiċ-ċirkustanzi tat-twelid ta' Ġesù, fil-preżentazzjoni tiegħu fit-tempju, fil-ħarba lejn l-Eġittu u meta Ġesù ta' 12-il sena nstab fit-tempju. Hu probabbli ħafna li San Ġużepp miet qabel ma Ġesù beda l-missjoni pubblika. Żgur li kien diġà mejjet meta Ġesù kien mislub, għax kieku Ġesù ma kienx jafda lil ommu taħt il-kura ta' Ġwanni.
- B'misteru tal-providenza d-devozzjoni lejn San Ġużepp ma xterditx kmieni fil-Knisja, iżda kienet riservata għal żmienna, għalkemm ħafna qaddisin, bħal San Bernard ta' Clairvaux, faħħru l-virtujiet u l-privileġġi tiegħu.

- ❖ Fis-seklu ħmistax il-franġiskan San Bernardinu ta' Siena xerred il-qima lejh, iżda kienet Santa Tereża ta' Avila li għamlitu popolari billi kitbet fuqu fl-awtobijografija tagħha: *"Lil qaddisin oħra, Alla tahom il-grazzja li jgħinu lill-bnedmin f'xi ħtieġa speċjali, iżda lil dan il-qaddis glorjuż, jien naf b'esperjenza, Alla tah il-grazzja li jgħinna f'kollox."*
- ❖ Il-Papa San Ġwanni XXIII daħħal l-isem ta' San Ġużepp fil-Kanoni Ruman, poġġa l-Konċilju Vatikan II taħt il-patroċinju tiegħu u qal: "*San Ġużepp jgħallimna nobdu, inżommu s-silenzju, nitkellmu meta jinħtieġ, b'moderazzjoni u ħlewwa."*
- ❖ Fi żmienna d-devozzjoni lejn dan il-qaddis hi mxerrda ħafna, anki fostna. F'Malta d-devozzjoni lejh inbdiet fir-Rabat fejn hemm l-arċikonfraternità ddedikata lil dan il-qaddis kbir.
- ❖ San Ġużepp hu l-patrun tal-Knisja Kattolika u ta' diversi pajjiżi u organizzazzjonijiet. B'mod speċjali hu protettur tal-ħaddiema u l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem issir fl-1 ta' Mejju.

**Riflessjoni:**

1. *"O elevazzjoni tal-għaġeb!  O dinjità unika, li l-omm t'Alla u s-Sultana tas-smewwiet issejjaħlek żewġha; li Alla nnifsu, li sar bniedem, isejjaħlek missier u jobdik.  O Trijadi glorjuża  fuq l-art, Ġesù, Marija, Ġużeppi, x'familja għażiża għat-Trinità glorjuża fis-sema, Missier, Iben u Spirtu s-Santu!  Xejn ma hawn fid-dinja hekk kbir, hekk tajjeb, hekk eċċellenti"* Gerson

2. *"Ġużeppi huwa inkwetat meta jara l-Verġni mtaqqla'; Anġlu jdawwlu fuqha; jifraħ fit-twelid tat-tifel, iżda biża' kbir jaqbdu wara; is-sultan furjuż ifittex li jeqred lit-tifel, u l-belt kollha tqum kontrih.  Wara dan l-inkwiet ferħa oħra, l-adorazzjoni tal-Maġi.  U mbagħad taħbita oħra: anġlu jgħidlu biex jaħrab f'pajjiż stranġier, bla għajnuna u bla ħbieb.  Hekk il-ħajja katina minsuġa b'ferħ u niket.*

San Griżostmu

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 110, l-1 parti**

*Because Saint Joseph was made responsible by God for the care and external guidance of Jesus Christ, it was important that he had the qualities and virtues necessary to fulfill worthily so holy and exalted a ministry. The Gospel tells us about three, all very fitting for the responsibility entrusted to him: he was just; he was very submissive to God's orders, and he had a very special solicitude for the education and the protection of Jesus Christ.*

*The first quality that the Gospel attributes to Saint Joseph is that he is just. This is also the main virtue he needed in order to be able to provide guidance to Jesus Christ. Because our Lord is God and holy, it would not be fitting that the person in charge of guiding him not be holy and just before God.*

**TALBA**



*O mqaddes Ġużeppi, fl-hemm li fih ninsabu, lejk nirrikorru,*
*b'tama kbira nsejħu l-patroċinju tiegħek,*
*wara l-patroċinju ta' l-għarusa mqaddsa tiegħek.*
*Mela, f'ġieħ dik ir-rabta għażiża ta' mħabba*
*li biha kont marbut max-xebba bla tebgħa, omm Alla,*
*u f'ġieħ dik l-imħabba ta' missier li biha ħabbejt lit-tfajjel Ġesù,*
*nitolbuk li tħares ħarsa ħelwa lejn il-wirt għażiż li Ġesù Kristu rebaħ b'demmu,*
*u bis-setgħa u l-għajnuna tiegħek tidħol għalina fil-bżonnijiet tagħna.*
*Kif int, o Ġużeppi, kont taħseb f'din l-art għall-familja divina u tħarisha,*
*hekk ukoll ħu ħsieb tal-familja maħtura ta' Ġesù Kristu.*
*Eqred minn ġo nofsna, o missier ħanin,*
*din il-pesta ta' erruri u ta' ħażen li qegħdin imarrdu d-dinja,*
*ieqaf magħna mis-smewwiet f'din il-gwerra*
*li għandna mal-qawwa tad-dlamijiet, o protettur qawwi tagħna;*
*u kif darba ħlist mill-mewt lill-bambin Ġesù, hekk issa ddifendi l-Knisja ta' Alla*
*mit-tnassis ta' l-għedewwa u minn kull hemm.*
*Xerred dejjem fuq kull wieħed minna l-patroċinju tiegħek,*
*sabiex, bl-eżempju tiegħek, nistgħu ngħixu ħajja qaddisa,*
*nagħmlu mewta tajba u naqilgħu l-hena ta' dejjem fil-ġenna. Ammen.*

**Missierna ...**



**Il-Ħadd, 20 ta' Marzu**
**Ħadd il-Palm**

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

1. Isaija 50: 4-7 — Ma ħbejtx wiċċi mit-tgħajjir
2. Salm 21: 8,9,17,18-20,23,24 — Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?
3. Filippin 2: 6-11 — Kristu ċekken lilu nnifsu; għalhekk Alla għollieh.
4. Luqa 22: 14 - 23, 56 — Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Il-lituġija tal-lum tgħaqqad ir-rakkont tad-dħul glorjuż ta' Ġesù f'Ġerusalemm, mar-rakkont tat-tkeċċija tiegħu mill-Belt Imqaddsa flimkien man-nisġa ta' offerta u ċaħda tas-salvazzjoni li minn dejjem kien jimmarka d-djalogu bejn Alla u l-bniedem. Lill-Iben t'Alla li hu u dieħel fil-belt iħabbrilha l-wasla u l-presenza tas-salvazzjoni definittiva f'persuntu stess, Ġerusalemm twieġeb bl-arrest, il-ġudizzju tal-kundanna, u t-tkeċċija tal-mibgħut t'Alla: Hu mhux meqjus den li jgħix qalb niesu stess, li jħalluh imut barra l-belt.

- Sfortunatament din mhix eċċezzjoni imma hu l-mod normali li bih iġib ruhu l-bniedem ma' Alla li "ġie qalb niesu, u niesu ma laqgħuhx" (Ġw 1). Betlehem ma laqagħtux, u l-Iben t'Alla jitwieled fi stalla miftuħa fil-kampanja. Ikeċċuh in-nies ta' Nazzaret meta jmur lura fir-raħal tiegħu biex iħabbrilhom il-proġett ta' liberazzjoni tiegħu, anzi jippruvaw iwaddbuh minn fuq l-irdum; jitolbuh jitlaq ukoll il-pagani ta' Ġerasa meta jeħles lil wieħed minnhom mill-ħakma tax-xitan; l-ibliet ta' ma' xatt il-baħar jikkonfrontawh bl-indifferenza u l-ostilita, meta jipprova jqajjimhom mill-bruda tan-nuqqas ta' twemmin tagħhom. Tkeċċih saħansitra l-Belt Imqaddsa li tingħalaq f'ċaħda totali u għal dejjem. Għalhekk il-Mulej "Ara, is-sultan tiegħek ġej għandek; ġust u rebbieħ, umli u riekeb fuq ħmar" (Żak 9 :9) li jġib il-paċi f'qalb il-poplu tiegħu, ġie miċħud ftit wara l-poplu jagħmel l-għażla tiegħu : "Aħna ma għandniex sultan ħlief lil Ċesari!"(Ġw 19 :15) jintagħżel it-tirann u jitkeċċa l-ġust !
- Tidher xi ħaġa assurda imma hi r-regola ta' nies li anqas huma kapaċi jixtiequ l-ġid anqas għalihom infushom. Wara din iċ-ċaħda traġika fil-fatt m'hemmx biss ebusija ta' rjus u għeluq ta' mħuħ ; m'hemmx biss id-difiża ta' Alla magħmul mill-bniedem xbiha tiegħu : hemm ukoll ħafna injoranza, faqar u miżerja umana min nies li tant m'humiex imdorrijin bil-verità li meta din tidher, jaħsbuha gidba u peress li ma jagħrfuhiex jiġġildulha u jaħsbu li jagħtu ġieħ lil Alla billi jibgħatu lill-mibgħut tiegħu għall-mewt tas-salib.
- Ġesù dan kien jafu tajjeb ; kif turi l-ħniena tiegħu u t-talba għall-maħfra lil Alla għal dawk li ma jafux x'iridu u għal dawk li ma jafux x'inhuma jagħmlu. Madankollu l-Mulej irid jidħol fil-Belt Imqaddsa u dan jagħmlu kif jidhirlu Hu: dan il-ġest stramb tiegħu jinftiehem biss minn dawk id-dixxipli li jiġru warajh, folla fqar, imċerċrin u tfal li jmorru jilqugħ bil-weraq tal-palm, biċ-ċapċip, bil-kant u bl-għajjat ta' ferħ, waqt li ksew it-triq bl-imnatar tagħhom. Huma l-uniċi li jintebħu li minn dak ir-re riekeb fuq ħmar, fqir bħalhom u minn imkien iktar ma kienet se tiġi s-salvazzjoni tal-fqar u tal-aħħar, dawk li ħadd ma jrid u ħadd ma jikkunsidra .
- L-oħrajn, l-għorrief, l-għonja, l-awtoritajiet jirrabbjaw għax, kif ifakkar don Primo Mazzolari '*in-nies serji, dawk li jgħoddu, jekk ma jkunux maħkuma jew f'xi rewwixta, ma jkollomx għalfejn jiċċelebraw : għandhom ċerta serjeta, dekor x'jindokraw…U l-fehma li huma superjuri, malajr issir biża biex jimpenjaw ruħhom, malajr issir assenza, disprezz jew protesta.*' Din hi storja antika u attwali fl-istess ħin din is-superjorita dan id-disprezz ta' nies sinjuri, intelletwali, nies famużi, lejn il-foqra, u s-sempliċi li spiss jimlew il-knejjes tagħna : imma m'għandniex għalfejn ninkwetaw wisq jekk il-faqar u l-umilta, huma l-kundizzjonijiet privileġġati biex nibqgħu qrib il-Mulej dejjem fir-rebħ u fit-telf.
- Bħala nsara illum iktar minn qatt qabel għandna irridu nilqgħu bħala grazzja il-possibilta li naqdu lill-'iskart uman' li s-soċjetà arroganti tal-konsum qegħda tipproduċi bi kwantitajiet impressjonanti u nibdew ma naqgħux malajr għall-pretensjonijiet ta' nies arroganti u li jaħsbu li kollox jiddependi minnhom. Ma

ninsewx li fil-fatt se jkunu l-fqar li jagħmlu parti mill-kuruna tal-Mulej fil-mument tat-tkeċċija tiegħu mill-belt, tal-abbandun totali, : iċ-Ċirinew, il-Veronika u ż-żewġ ħallelin imdendlin ma ġenbu, in-nisa jibku u fuq kollox l-ifqar fosthom Ommu. Il-fatt hu li Ġesù, Re tar-rejiet jidentifika lilu nnifsu mal-għeri, ma min hu bil-ġuħ, mal-barrani, mar-ħabsi, isejjaħ lil dawk li huma għajjenin u mtaqqlin biex jagħmlu parti mill-korteju regali tiegħu, jaċċetta maġenbu lil min hu ġwejjed u umli f'qalbu. Imma fl-aħħar, għall-imħabba ta' dawn ma jitlef lil ħadd anqas lill-oħrajn, anzi jiġbor lil kulħadd, jerfagħhom fuq spallejh u jagħtihom il-madmad tiegħu tant ħafif u ħelu li jsir l-uniku mistrieħ mill-għejja tal-għixien.

*"La realta' e' Cristo, commento ai vangeli domenicali e festivi" Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 22, it-tieni parti**

*So that Jesus Christ may reign in your soul, you must wage war under his leadership against the enemies of your salvation, who are also his enemies. Because he wishes to establish his peace within you, a peace which, according to Saint Paul, ought to reign in your hearts, he must overcome—and you must overcome with him and by his help—anything that is able to be an obstacle, such as your passions and evil inclinations. You must eliminate within you the man of sin who in the past has reigned over you. Then you will deliver yourself from the shameful slavery to which sin has reduced you.*

*Be disposed today, then, to receive Jesus Christ fully by abandoning yourself entirely to his guidance and by letting him reign over your whole interior life, so absolutely on his part and so dependently on yours that you may in truth say that it is no longer you who live but Jesus Christ who lives in you.*

**TALBA**



*Mulej Ġesù, inti ridt li ommok l-għażiża,*
*id-dixxipli u l-ħbieb tiegħek jifhmu*
*li l-firda hija għal kollox, fejn*
*ir-rabta ta' ħajjitna tinqata' għal dejjem.*
*Imma għidli Ġesù għaliex dik*
*il-fjamma ta' mħabba tibqa' tixgħel fija.*
*Għaliex dik id-daqsxejn ta' fjamma*
*tibqa' tixgħel fil-qalb u fl-għajnejn ta' dawk li jibqgħu ħajjin?*
*Għaliex għal dejjem jibqa' fija dak ir-raġġ ta' dawl*
*li xejn ma jista' jitfih?*
*Għidli Mulej Ġesù! Għaliex?*
*Jiena nemmen fik, kollok VERITÀ.*
*Jiena nemmen fik, kollok ĦNIENA.*
*Jiena nemmen fik, kollok IMĦABBA.*

Bro. Louis

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 21 ta’ Marzu**
**It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa**



*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Iżaija 42: 1-7 | Ma jgħajjatx, ma jsemmax leħnu fil-pjazez. |
| 2. Salm 26: 1.2.3.13-14 | Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi. |
| 3. Ġwanni12: 1-11 | Ħalliha, din il-fwieħa refgħetha għal jum id-difna tiegħi. |

**Matul din il-Ġimgħa Mqaddsa ser nippreżentaw sensiela ta’ kitbiet mill-passjoni ta’ Sidna Ġesù Kristu kif dehru fil-viżjonijiet li kellha Sor Anne Catherine Emmerich, li għexet bejn l-1774 u l-1824. Din is-soru twajba kellha l-istigmata u meta kienet tmur f’estasi kienet tara xeni mill-passjoni ta’ Sidna Ġesù. Dan il-ktieb kien ta’ ispirazzjoni kbira għall-film ta’ Mel Gibson ‘*The Passion of the Christ”.***

**Ġesù Arrestat fil-Ġnien taż-Żebbuġ**

Ġesù mexa lejn is-suldati u qalilhom, “*lil min qegħdin tfittxu*?” U huma wieġbu, “*Lil Ġesù ta’ Nazzaret,”* u Ġesù qalilhom*, “Jiena hu.”* Malli qal hekk huma waqgħu fl-art bħallikieku tathom puplesija. Meta Ġesù ra li Ġuda xtaq jersaq lejh ħareġ idejh u qal, “*Ħabib fejn ġejt*?” Ġuda semma xi ħaġa dwar xi negozju u Ġesù qal *“kien ikun aħjar għalik li ma twelidt xejn*.” Sadanittant is-suldati qamu u stennew lil Ġuda jbusu, għax dak kien is-sinjal li bih kellhom jaqbduh. Pietru u d-dixxipli bdew jgħajruh traditur u ħalliel u għalkemm ipprova jgħid li mhux vera, kien kollu għalxejn. Is-suldati reġgħu resqu biex jiddefenduh u Ġesù reġa’qallhom, “*Lil min qegħdin tfittxu?”* Qalulu*, “Lil Ġesù ta’ Nazzaret.”* U Ġesù weġibhom*, “Għidtilkom li jiena hu; jekk qed tfittxu lili, lil dawn ħalluhom imorru.”* Ma dan il-kliem is-suldati reġgħu waqgħu fl-art bħal pupletiċi u l-appostli reġgħu daru ma’ Ġuda jakkużawh bi tradiment. U Ġesù qal lis-suldati, “*Qumu*,” u huma qamu mwerwrin b’dak li kien ġralhom. U qalu lil Ġuda jtihom is-sinjal u Ġuda resaq lejn Ġesù, biesu u qal, “*Merħba Rabbi,”* u Ġesù wieġeb*, “X’inhu Ġuda, b’bewsa qed titradixxi lil Bin il-Bniedem?”* Is-suldati dawruh u l-arċiera qabduh u rabtuh. Ġuda xtaq jaħrab imma l-appostli ma ħallewhx u bdew jgħajtu, “*Mulej tridx nagħtu bis-sejf?”* Pietru li kien l-aktar wieħed impulsiv, qabad is-sejf u bih darab lil Malku, il-qaddej tal-Qassis il-Kbir u qatagħlu widintu l-leminija. Malku waqa’ mal-art u qamet konfużjoni sħiħa. L-arċiera qabdu ’l Ġesù, u l-oħrajn ippruvaw jimblukkaw lid-dixxipli ħalli ma jersqux viċin. Erbgħa mid-dixxipli dehru maħsudin b’dak li kien ġara imma s-suldati ma ħabblux rashom biex jaqbduhom għax ma ridux jitilqu lil Ġesù. Ġuda ħarab malli ra li kienu qabbdu ’l Ġesù u xi dixxipli baqgħu jgħajruh traditur. Imma l-Fariżej daru għalihom u dan tah iċ-ċans li jaħrab.

Il-Passjoni Doloruża ta’ Sidna Ġesù Kristu,
Anna Katerina Emmerich

**Riflessjoni:**
Ġesù Kristu hu wiċċ il-ħniena tal-Missier. Il-misteru tal-fidi Nisranija donnu jsib f'din il-kelma l-ġabra sħiħa tiegħu. Hi saret ħajja, viżibbli u laħqet il-quċċata tagħha f'Ġesù ta' Nazzaret. Il-Missier, "għani fil-ħniena" (Efes. 2:4), wara li wera ismu lil Mosè bħala "Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà" (Eż. 34:6), ma hediex, b'ħafna modi u f'bosta waqtiet tal-istorja, jgħarraf in-natura divina tiegħu. Fil-"milja taż-żminijiet" (Gal. 4:4), meta kollox kien imqiegħed fl-ordni skont il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni, hu bagħat lil ibnu mwieled mill-Verġni Marija biex jurina darba għal dejjem l-imħabba tiegħu. Min jara lilu jara lill-Missier (ara Ġw. 14:9). Ġesù ta' Nazzaret bil-kelma tiegħu, bil-ġesti tiegħu u bil-persuna sħiħa tiegħu juri l-ħniena ta' Alla.

Il-Papa Franġisku, *Misericordiae Vultus*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 23, l-1 punt**
*The Jews, indignant because Jesus Christ performed a great number of miracles and, therefore, everyone flocked to him and considered him as a Prophet, plotted to bring about his death and called a council among themselves to determine how they would go about arresting him. Because they feared the people, who esteemed him highly, they had to act cautiously. Out of hatred for him, they spread the word that he was a preacher of new doctrines, and they used this pretext as a way to do away with him.*
*Consider with amazement the hatred that the Jews felt for Jesus Christ and the opposition that he endured from them, especially from the Pharisees, who brought about his death. Reflect on the excesses into which the envy and rage of these wicked men led them, for they did not hesitate to cause the death of an innocent man, a saint, a Prophet, one who possessed all the exterior signs of divinity.*



**TALBA**

*Mulej,*
*għinni biex nagħraf b'konvizjoni*
*li minħabba dak kollu li int għamilt għalija,*
*issa għandi l-maħfra kollha*
*mhux biss għal xi għemil li stajt wettaqt.*
*Agħmel li llum*
*ngħix bħala bniedem*
*li għandi l-maħfra tiegħek,*
*u niftaħ qalbi ghalik*
*ħalli b'hekk nagħżel li ma nidnibx aktar.*

http://www.cbmidwest.org

**Missierna ...**



**It-Tlieta, 22 ta’ Marzu**
**It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa**

*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Iżaija 49: 1-6 | Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus, biex is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art tinfirex. |
| 2. Salm 70: 1-6.15 u 17 | Mulej, fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek. |
| 3. Ġwanni 13: 21-33.36-38 | Wieħed minnkom se jitradini ... is-serduk ma jkunx idden qabel ma tkun ċħadtni tliet darbiet. |

**Ġesù Quddiem Anna**

Ġesù deher quddiem Anna. Kien jidher għajjien u mixrub, ħwejġu miksija bit-tajn, idejh marbutin, rasu baxxuta u ma lissinx kelma. Anna kien bniedem irqiq, xiħ u dejjem bil-buri u b’leħja folta. Kien bniedem kburi u arroganti u malli qagħad bilqiegħda beda jitbissem b’daħka ironika taparsi ma kien jaf b’xejn, u stagħġeb meta l-priġunier li kien għadhom kemm ġabulu quddiemu ma kien ħadd ħlief Ġesù ta’ Nazzaret*. “Kif jista’ jkun”* qal. *“Kif jista’ jkun li inti Ġesù ta’ Nazzaret? Fejn huma d-dixxipli tiegħek u l-ħafna nies li jiġru warajk? Fejn hi s-saltna tiegħek? Wisq nibża’ li l-affarijiet ma marrux kif kont qed taħseb int. Nippreżumi li l-awtoritajiet saru jafu li kien wasallek iż-żmien li tieqaf minn dak li kont qed tagħmel, li kien ta’ disprezz lejn Alla u l-qassissin tiegħu u għal dawk in-nuqqasijiet kontra nhar ta’ Sibt. Min huma d-dixxipli li għandek issa? Fejn qegħdin? Tibqa’ sieket int? Wieġeb ja seduttur! Wieġeb ja bniedem ribelluż! Inti mhux dak li kilt il-Ħaruf tal-Għid kontra l-liġi fi żmien u post ipprojbit? Inti mhux qed titlob li tintroduċi duttrini ġodda. Min tak id-dritt li tipprietka reliġjon tiegħek?”*

Imbagħad Ġesù refa’ rasu, ħares lejn Anna u qal, “*Jiena tkellimt fil-beraħ quddiem kulħadd; dejjem għallimt fis-sinagoga u fit-tempju fejn ikun hemm il-Lhud kollha, u m’għid xejn bil-moħbi. Għalfejn qed tistaqsini? Staqsi lilhom li semgħu l-kelma li għidtilhom, għax huma jafu x’għid jien.”*

Il-Passjoni Doloruża ta’ Sidna Ġesù Kristu,
Anna Katerina Emmerich

**Riflessjoni:**

“*Hi ħaġa ta’ Alla li juża l-ħniena u f’dan b’mod speċjali tidher il-qawwa tiegħu li tista’ kollox”.* Kliem San Tumas ta’ Aquino juri kemm il-ħniena divina mhi xejn sinjal ta’ dgħufija, imma pjuttost il-kwalità tas-setgħa bla tarf ta’ Alla. U għalhekk il-Liturġija, f’waħda mill-eqdem Kolletti, titlob hekk: “*O Alla, inti tagħtina l-aqwa xhieda tas-setgħa tiegħek bla tarf billi taħfrilna u tħenn għalina*”. Alla, fl-istorja tal-bniedem, dejjem sa jkun dak li hu preżenti, qrib tagħna, providenzjali, qaddis u ħanin.

Il-Papa Franġisku, *Misericordiae Vultus*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 24, silta mit-3 punt**

*This is how Jesus Christ abandoned himself entirely to the will of his Father to suffer and die when and in the way God willed. He did this when he was preparing for his Passion and death while he waited and prayed in the garden of olives. He declared to his Father that despite the repugnance he felt for the death that he knew was imminent, he desired nonetheless that no account be taken of his own will but that of his Father, to which he gave himself entirely, just as he had always been abandoned to his Father's will during his life, not coming into the world, as he says in several places in the Gospel, to do his own will but the will of the One who sent him.*

**TALBA**



*O Mulej Ġesù,*
*jiena ninsab grat ħafna*
*li inti tajt lilek innifsek*
*kollok kemm int għalija.*
*Kif nista' qatt nirringrazzjak għal dik*
*it-tbatija li inti kellek tbati għalija?*
*X'nista' nagħmel jiena*
*ħlief li bi gratitudni u tifħir lejk,*
*noffri lili nnifsi lilek.*
*Ammen.*

http://www.cbmidwest.org

**Missierna ...**



## L-Erbgħa, 23 ta' Marzu
## L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. Iżaija 50: 4-9a — Ma ħbejtx wiċċi mit-tgħajir u l-bżieq.
2. Salm 68: 8-10.21bċd-22.31 u 33-34 — O Alla, fil-kobor ta' tjubitek, weġibni.
3. Mattew 26: 14-25 — Bin il-bniedem imur kif hemm miktub fuqu imma ħażin għalih dak il-bniedem li permezz tiegħu Bin il-bniedem ikun mogħti f'idejn l-għedewwa!

**Ġesù Mżeblaħ u Nkurunat**

F'nofs il-bitħa kien hemm biċċa minn kolonna u fuqa kien hemm banketta baxxa, u dawn in-nies qalbhom iebsa ksewha biż-żrar ippuntat u biċċiet tal-fuħħar iniġġez. Imbagħad lil Ġesù qattgħulu ħwejġu u reġgħu fetħulu l-pjagi; tefgħulu mantell qadim aħmar dagħmi fuq spallejh li bilkemm kien iwassal sa rkupptejh; kaxkruh għal ħdejn il-banketta u mbuttawh għal fuqha wara li fuq rasu poġġewlu kuruna tax-xewk. Din il-kuruna tax-xewk kienet magħmula minn tliet friegħi minsuġin flimkien u l-biċċa l-kbira tax-xewk kienu ppuntati 'l isfel apposta biex lill-Mulej itaqqbulu rasu. Wara li poġġewhielu rabtuha fuq ġbinu ssikkata min wara, imbagħad poġġewlu qasba twila f'idu b'ħafna ġesti biex jiddieħqu bih, taparsi veru kienu qed jinkurunaw li xi ħadd Sultan. Imbagħad ħadulu l-qasba minn idu u tant bdew ituh qawwi biha fuq rasu, li għajnejh imtlew bid-demm; bdew jinżlu għarkopptejhom quddiemu, jiddieħqu bih u jobżqulu f'wiċċu u jimbuttawh waqt li jgħidu, "*Merħba, Sultan tal-Lhud*!" Imbagħad waqagħu l-banketta, refgħuh mill-art fejn kien waqa' u reġgħu qegħduh bilqiegħda bl-akbar ħruxija.

Mhux possibli tiddeskrivi l-ħdura li mxew biha dawn il-mostri taħt forma umana. It-tbatijiet ta' Ġesù mill-għatx kbir ikkawżat mid-deni, minħabba l-ġrieħi, kienu tal-għaġeb.

Il-Passjoni Doloruża ta' Sidna Ġesù Kristu
Anna Katerina Emmerich

**Riflessjoni:**

Fil-parabboli ddedikati lill-ħniena, Ġesù juri n-natura ta' Alla bħala dik ta' Missier li qatt ma jgħodd ruħu b'mirbuħ sakemm ma jkunx xejjen id-dnub u għeleb ir-rifjut, bil-kompassjoni u l-ħniena. Nafuhom dawn il-parabboli, tlieta b'mod partikulari: dawk tan-nagħġa l-maħruba u l-munita mitlufa, u dik tal-missier u ż-żewġ ulied (ara Lq. 15: 1-32). F'dawn il-parabboli, Alla dejjem hu ppreżentat mimli ferħ, l-aktar meta jaħfer. Fihom insibu l-qalba tal-Vanġelu u tal-fidi tagħna, għax il-ħniena hi ppreżentata bħala l-qawwa li kollox tirbaħ, li timla l-qalb bl-imħabba u li tfarraġ bil-maħfra.

Barra minn hekk, minn parabbola oħra niksbu tagħlim għall-istil ta' ħajja li għandu jkollna bħala nsara. Imqanqal mill-mistoqsija ta' Pietru fuq kemm-il darba wieħed għandu jaħfer, Ġesù wieġeb: "*Ma ngħidlikx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba"* (Mt. 18:22), u rrakkonta l-parabbola tal-"qaddej li ma jaħfirx".

Il-Papa Franġisku, *Misericordiae Vultus*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 25, l-1 punt**

*Jesus Christ came down from heaven only to procure the salvation of all people. He knew that this purpose would not be accomplished unless he suffered much and died on the cross. Therefore, at the moment of his incarnation, he offered himself to the Eternal Father to suffer whatever would be in accord with his will to satisfy for our sins.*

*For it was impossible, says Saint Paul, **that sins be blotted out by the blood of goats and bulls. For this reason, continues the same saint, Christ said to God: Holocausts and sin offerings have not pleased you; then said I, behold, I***

***come to fulfill your will. This same will**, affirms the same Apostle, has sanctified us by the offering that Jesus Christ made, once for all, of his body.*
*Adore the holy disposition that Jesus Christ had on coming into the world, which he always continued to maintain: to suffer and to die for our sins and for those of all people. Thank him for such goodness, and become worthy to receive the benefits of salvation by your own sharing in his sufferings.*

**TALBA**



*O Mulej,*
*għal darb'oħra nirringrazzjak*
*għat-tbatija li int batejt fuq is-salib.*
*Barra l-uġigħ mhux tas-soltu li inti ħassejt,*
*batejt ukoll għatx kbir.*
*Dan kollu seħħ fin-natura tiegħek ta' bniedem*
*biex tkun tista' tifdina mid-dnub.*
*Jien bil-għatx għalik Mulej.*
*Ammen.*

http://www.cbmidwest.org

**Missierna ...**



**Il-Ħamis, 24 ta' Marzu**
**Ħamis ix-Xirka – Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej**
Jibdew it-Tliet Ijiem Imqaddsa tal-Għid
**Illum nitolbu ħafna għas-saċerdoti u għal iżjed vokazzjonijiet.**

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1.Isaija 61: 1-3a,6a,8b,9 | Il-Mulej ikkonsagrani b'żejt ta' ferħ. |
| 2. Salm 88: 21,22,25,27 | It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni. |
| 3. Apokalissi 1: 5-8 | Kristu għamilna saltna, qassisin għal Alla tiegħu u Missieru. |
| 4. Luqa 4: 16-21 | L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. |

**L-Ikla tal-Mulej**

- Il-Quddiesa tat-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej tiġi ċċelebrata wara nżul ix-xemx, f'ħin li jiffavorixxi s-sehem sħiħ tal-ġemgħa. Is-saċerdoti kollha jistgħu jikkonċelebraw, ukoll jekk ikunu diġa' għamlu dan fil-quddiesa tal-griżma. Skont drawwa antikissima fil-Knisja, f'dan il-jum hi pprojbita ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa mingħajr is-sehem tal-poplu.

- Għal motivi pastorali serji, l-ordinarju jista' jagħti permess li ssir quddiesa oħra għal dawk li bl-ebda mod ma jistgħu jieħdu sehem fil-quddiesa prinċipali. Wieħed irid jevita li din iċ-ċelebrazzjoni barranija ssir għal xi gruppi partikulari u bl-ebda mod ma għandha ttellef lil dik prinċipali.
- It-tabernaklu għandu jkun vojt. F'din iċ-ċelebrazzjoni għandhom jiġu kkonsagrati ostji biżżejjed għal-lum u l-għada.
- Il-kappella tar-ripożizzjoni trid tiġi ppreparata tajjeb. Hawnhekk il-fidili jersqu għal mument ta' adorazzjoni. L-ewkaristija trid tinżamm f'post magħluq. Ma tistax issir l-espożizzjoni tal-ewkaristija fi sfera.
- Waqt il-Glorja jindaqqu l-qniepen li wara jinżammu siekta sal-Glorja li titkanta fil-Velja tal-Għid.
- Waqt iċ-ċelebrazzjoni jsir il-ħasil tar-riġlejn ta' tnax-il raġel. Dan il-ġest ifakkarna lin-nisrani jrid ikun ta' servizz bħal Kristu "li ġie biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi."
- Waqt il-purċissjoni bl-offerti jistgħu jittellgħu xi għotjiet li jkunu nġabru fir-Randan bħala frott ta' penitenza.
- Kif tispiċċa t-talba ta' wara t-tqarbin, jitħallew barra r-riti tal-għeluq u tibda l-purċissjoni lejn l-altar tar-ripożizzjoni.
- Wara ċ-ċelebrazzjoni jitneżżgħu l-altari. Jixraq lis-slaleb fil-knisja jitgħattew jew jitneħħew.
- Il-purċissjoni u r-ripożizzjoni tas-sagrament ma jsirux f'dawk il-knejjes li fihom ma ssirx il-funzjoni tal-Ġimgħa.
- L-insara huma mħeġġa biex isibu ħin għall-adorazzjoni privata jew komunitarja. Wara nofsillejl, l-adorazzjoni ssir mingħajr solennità.

**Ġesù Kkundannat għall-Mewt tas-Salib**

Pilatu, li ma kellu l-ebda xewqa jkun jaf il-verità, imma ried biss joħroġ mill-biċċa mingħajr ma ssirlu ħsara, ħassu aktar indeċiż minn qatt qabel; fil-kuxjenza tiegħu ħass li Ġesù kien innoċenti, u martu qaltlu, "*Dan ir-raġel qaddis.*" Fl-istess ħin ħass li Ġesù kien l-għadu tal-allat tas-superstizzjonijiet tiegħu; id-dgħufija tiegħu mlietu bil-biża' li jekk Ġesù kien veru Alla, il-ġudizzju tiegħu kien se jikkundannawh. L-aħħar kliem ta' Ġesù kien allarmah u dejqu u hu pprova jerġa' jeħilsu, imma l-Lhud mill-ewwel hedduh li jakkużawh quddiem l-imperatur**.** Pilatu twerwer u dak il-ħin, avolja basar li Ġesù kien innoċenti, kien lest li jċedihulhom, u kien jaf ukoll li jekk jaqtagħhielu għall-mewt ikun qed jikser kull forma ta' ġustizzja, barra milli jikser il-wegħda li għamel lil martu dakinhar filgħodu. Għalhekk ta lil Ġesù f'idejn il-Lhud għedewwa tiegħu u pprova jaħsel il-kuxjenza tiegħu billi jaħsel idejh quddiem kulħadd u jgħid, *"Jiena m'għandix x'naqsam mad-demm ta' dan il-bniedem ġust; dan arawh intom."* Imma Pilatu għal xejn qalilhom dawn il-kelmiet, għax dan id-demm kien fuq rasu wkoll; Pilatu ma setax jeħles mid-demm ta' Ġesù sempliċiment billi jaħsel idejh quddiem kulħadd.

Il-Passjoni Doloruża ta' Sidna Ġesù Kristu,
Anna Katerina Emmerich

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 26, it-2 punt**

*In instituting this divine sacrament, Jesus Christ changed bread into his flesh and wine into his blood. On this very day he became the living Bread come down from heaven to unite himself with us, to incorporate himself in us, and to communicate himself to the lowliness of a vile creature.*

*This heavenly Bread unites him to our soul to nourish it with God and to make it grow strong, to use Tertullian's expression, with the flesh of Jesus Christ. He puts aside all the splendor of his divinity to take on the appearance of ordinary bread, an appearance that has no proportion to what it contains. What takes the place of the bread is his own true substance, which is the object of veneration for angels and for all his people.*

*Admire this holy institution; become worthy to profit from it by a holy life, and today pray to Jesus Christ, who comes to you to destroy entirely your own inclinations and spirit, so that you may have no other inclinations except his and may no longer be guided except by his Spirit.*



**TALBA**
**għas-Saċerdoti**

*Mulej, agħtina qassisin jixbhu lilek,*
*qassisin adattati għad-dinja tal-lum.*
*Qassisin mimlija bl-Ispirtu s-Santu,*
*iħobbu lilek, l-Ewkaristija u*
*l-Kelma.*
*Mulej, agħtina qassisin li jitolbu*
*u li jgħallmuna nitolbu.*
*qassisin li jħobbu ħafna liż-żgħażagħ*
*lill-fqar u lil dawk li huma tal-aħħar.*
*Qassisin li kapaċi juru l-ħlewwa*
*u l-ħniena għall-miżerji kollha*
*tad-dinja tal-lum.*
*Missier qaddis, ħares*
*fil-verità lis-saċerdoti tiegħek,*
*huma qegħdin fid-dinja,*
*ħarishom mill-ħażen.*
*Ammen*

**Missierna ...**



## Il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu
## Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej – Il-Ġimgħa l-Kbira
## Sawm u Astinenza

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Isaija 52: 13 – ;53: 12 | Kien miġrugħ minħabba fi dnubietna. |
| 2. Salm 30: 2,6,12,13,15,16,17,25 | Missier, nerħi ruħi f'idejk. |
| 3. Lhud 4: 14-16; 5: 7-9 | Kristu, awtur tas-salvazzjoni għal kull min jisma' minnu. |
| 4.Ġwanni 18: 1 - ;19: 42 | Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. |

**Ġesù Msallab – Imut**

Il-ħbieb u qraba ta' Ġesù kienu madwar is-salib, ħosbiena u mbikkija; ħafna nisa twajba marru lejn darhom, siekta u mnikta.

Hekk kif Ġesù ħa l-aħħar nifs rajt lil ruħu, forma ta' globu jiddi, tiġi akkompanjata bl-anġli. Stajt nagħraf lill-Anġlu Gabrijel, li rajtu jisparixxi ġewwa l-art, ħdejn sieq is-salib.

Fl-istess ħin rajt l-anġli jkeċċu spirti ħżiena lejn l-abissi ...

Bit-theżżiż tal-art, xaqq kbir infetaħ fuq l-għolja tal-Kalvarju – bl-istess theżżiża saret ħafna ħsara ġewwa l-Palestina, speċjalment f'Ġerusalemm. In-nies tal-post twerwru imma meta d-dalma tal-jum għebet, bdew iserrħu moħħhom. Mal-waqgħa tad-djar bdew jidhru xi nies, li kienu mietu u dan qajjem paniku sħiħ u biża' fost in-nies.

Dak il-ħin il-purtiera tat-tempju nqasmet fi tnejn waqt li kien għaddej is-sagrifiċċju ... in-nies li kienu fit-tempju ħarġu jiġru u dehru mwerwra għaliex lilhom ukoll dehrulhom xi erwieħ. Dawn l-erwieħ kienu qed iħarsu lejhom b'ħarsa iebsa u qalila għal dak id-delitt li kienu għadhom kif wettqu, ġabu l-mewt ta' 'bniedem ġust' u b'hekk talbu li demm dan **il-bniedem** ikun fuqhom ...

Il-Passjoni Doloruża ta' Sidna Ġesù Kristu,
Anna Katerina Emmerich

**Riflessjoni:kummenti fuq prietka ta' Padre Raniero Cantalamessa fil-Ġimgħa l-Kbira (2014)**

It-tradiment ta' Ġuda għadu għaddej fl-istorja, imma jkun wisq komdu li naħsbu biss dwar il-każijiet klamorużi jew dak li jagħmel ħaddieħor, qal Padre Cantalamessa li ta xi ftit eżempji:

Jitradixxi lil Kristu min jitradixxi lill-martu jew lir-raġel. Jitradixxi lil Kristu min hu infidil għall-istat tiegħu jew inkella li, minflok jirgħa n-nagħaġ, ipaxxi lilu nnifsu. Jitradixxi lil Ġesù kull min jitradixxi l-kuxjenza tiegħu stess. Wara li nduna li kien itradixxa demm innoċenti, Ġuda mar tgħallaq. X'seta' kien id-destin etern tiegħu, staqsa l-predikatur filwaqt li wissa li ħadd m'għandu jasal għall-ġudizzji bl-addoċċ. Ġesù, sostna Cantalamessa, m'abbanduna lil Ġuda fl-ebda ħin u ħadd ma jaf fejn waqa' fil-ħin li qabeż mis-siġra bil-ħabel m'għonqu. Min jista' jgħid x'għadda minn ruħu propju f'dak l-aħħar waqt?

Bl-istess mod li Ġesù fittex għajnejn Pietru wara ċ-ċaħda biex jagħtih il-maħfra, min jaf kif fittex għajnejn Ġuda f'xi waqt tul it-triq tal-passjoni?
Imma Pietru kellu fiduċja fil-ħniena ta' Ġesù, Ġuda le. L-akbar dnub tiegħu, temm Padre Cantalamessa, ma kienx il-fatt li tradixxa lil Ġesù, imma li ddubita mill-ħniena tiegħu. Jeżisti sagrament li bih hu possibbli li wieħed ikollu esperjenza ċerta tal-ħniena ta' Kristu: is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Kemm hu sabiħ dan is-Sagrament! Kemm hu ta' ħlewwa li tħoss lil Ġesù bħala l-imgħallem, bħala Mulej, imma oħla tħossu bħala redentur: bħala dak li jeħilsek mill-għarqa bħalma għamel ma' Pietru, li jmissek, kif għamel mal-lebbruż u jgħidlek: irrid, kun imnaddaf!

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 27; l-1 punt**
*No one can understand how great the sufferings of Jesus Christ were in his Passion. He suffered in all parts of his body; his soul was oppressed with such painful and extreme sorrow that he could not express it, but he said that there could not be any greater sorrow without dying. This sorrow affected him so much that it caused him to sweat blood, and he fell into such great weakness that the Eternal Father was obliged to send him an angel to strengthen him, encourage him, and make it possible for him to suffer all the torments of his Passion to the end. In addition to this, he was overwhelmed with shame and confusion; he was loaded with insults, curses, and calumnies; a revolutionary, a murderer, a criminal, was preferred to him.*
*Such was the state to which our sins reduced that Person who deserves every kind of esteem, honor, and respect*.

**L-Ewwel Jum tan-Novena tal-Ħniena Divina**
"Illum ġibli L-UMANITA` KOLLHA SPEĊJALMENT IL-MIDINBIN, u niżżilhom fil-baħar tal-ħniena tiegħi. B'dal-mod niġi mfarraġ mid-dwejjaq li jkolli minħabba t-telfien tal-erwieħ."

**Kurunella tal-Ħniena Divina**
- ✓ Ibda billi tgħid il-Missierna, is-Sliema u l-Kredu.
- ✓ Imbagħad fuq iż-żibeġ tal-Missierna għandek tgħid dawn il-kelmiet:
    - *Missier Etern, jiena noffrilek il-ġisem, id-demm, ir-ruħ u d-divinità ta' ibnek l-għażiż, Sidna Ġesù Kristu, bi tpattija għad-dnubiet tagħna u għal dawk tad-dinja kollha.*
- ✓ Fuq iż-żibeġ tal-Ave Marija għandek tgħid dawn il-kelmiet:
    - *F'ġieħ il-passjoni ħarxa tiegħu, ħenn għalina u għad-dinja kollha.*
    - (Għal għaxar darbiet)
- ✓ Imbagħad, wara l-ħames posta tgħid għal tliet darbiet:
    - *Qaddis Alla, qaddis qawwi, qaddis immortali, ħenn għalina u għad-dinja kollha. Ammen.*

**Fl-aħħar tgħid it-Talba lil Ġesù Ħanin:**

*"O Ġesù ħanin,*
*aħna nemmnu fik u nafdaw fik.*
*Għinna għaliex aħna dgħajfa u bla ħila.*
*Agħtina l-grazzja*
*li nwasslu lill-bnedmin kollha biex jagħarfuk u jħobbuk.*
*U jkollna fiduċja fil-kobor bla qies ta' mħabbtek,*
*sabiex inkunu nistgħu niġġieldu kontra l-ħażen*
*li hemm fina u fid-dinja kollha*
*għall-glorja tiegħek u għas-salvazzjoni ta' ruħna.*
*Ammen."*

**(Din il-kurunella tingħad kuljum matul in-novena)**



**Is-Sibt, 26 ta' Marzu**
**Is-Sibt Qaddis tal-Vġili tal-Għid**

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. **Ġenesi** 1:1 – ; 2: 2 | Alla ħares lejn kulma għamel u ra li kollox kien sew ħafna. |
| Salm103 :1-2a,5,6,10 u 12-14,24 u 35ċ *jew* | Ġedded il-wiċċ tal-art, Mulej. |
| Salm32 : 4-7,12,13,20 u 22 | Bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art. |
| 2. **Ġenesi** 22: 1,2,9a,10-13,15-18 | Is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham. |
| Salm 15 : 5,8,9,10,11 | Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn. |
| 3. **Eżekjel** 14: 15 –; 15: 1a | Ulied Iżrael daħlu fl-inxif f'nofs il-baħar. |
| Salm Eżekjel 15: 1-6,17,18 | Ngħanni lill-Mulej għax tkabbar bi sħiħ. |
| 4. **Isaija** 54: 5-14 | Bi mħabba ta' dejjem ħenn għalik il-Mulej. |
| Salm 29 : 2 u 4,5,6,11-13 | Ngħollik, Mulej, għax erfajtni. |
| 5. **Isaija** 55: 1-11 | Ersqu lejja, isimgħu u tieħdu r-ruħ. |
| Salm Isaija12:2-4bċd,5,6 | Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni. |
| 6. **Baruk** 3: 9-15,32 – 4: 4 | Imxi lejn id-dija tad-dawl tal-Mulej. |
| Salm18 : 8-11 | Mulej, int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem. |

| | |
|---|---|
| 7. **Eżekjel** 36: 16-17ª,18-28 | Irroxx fuqkom ilma safi, u nagħtikom qalb ġdida. |
| Salm 41: 3,5bċd; 42: 3,4 | Tixxennaq ruħi għalik, o Alla tiegħi! |
| *jew jekk tiġi ċċelebrata magħmudija* | |
| Salm 50 : 12-15,18,19 | Oħloq fija qalb safja, o Alla. |
| 8. **Rumani** 6: 3-11 | Kristu qam mill-imwiet biex ma jmutx aktar. |
| Salm117 :1,2,16ab-17,22,23 | Hallelujah, hallelujah. |
| 9. **Luqa** 24: 1-12 | L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil dak min hu ħaj? |

Noti:

1. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili ma tistax tibda qabel jidħol il-lejl u trid tintemm qabel jisbaħ il-Ħadd. Għalhekk ma tistax tibda qabel it-8.00p.m. u jkun aħjar jekk tibda aktar tard, p.e. fid-9.00p.m. Tista' tiġi ċċelebrata fi knejjes u oratorji fejn ma jkunux saru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ħamis u tal-Ġimgħa.
2. F'każ ta' bżonn it-Tħabbira tal-Għid (Exultet) tista' titkanta minn lajk. F'dan il-każ ma jingħatax il-barka u jitħallew barra il-partijiet *U intom, ħuti għeżież* ... u *Il-Mulej magħkom*.
3. Jixraq li għat-tberik tan-nar titqabbad ħuġġieġa barra l-bieb ewlieni tal-knisja fejn isir it-tberik tan-nar, ħalli mbagħad il-konċelebranti, il-ministranti u l-poplu jidħlu fil-knisja mdawwla biss bid-dawl tal-blandun.
4. Is-seba' lezzjonijiet mit-Testment il-Qadim qabel il-Glorja għandhom jinqraw kollha. F'xi ċirkustanzi jistgħu jinqraw tlieta. It-tielet lezzjoni qatt ma għandha titħalla barra. Fi tmiem din il-lezzjoni ma tingħadx *Il-Kelma tal-Mulej*, iżda wara mument ta' silenzju jibda' s-salm responsorjali. Għal waqt il-qari tal-Evanġelju jista' jintuża l-inċens iżda mhux l-akkolti.
5. Jekk se tiġi ċċelebrata Magħmudija:
   a. Ir-riti tal-bidu sad-dlik biż-żejt tal-katekumeni, iridu jsiru jew matul ir-Randan jew matul il-jum, jew qabel tibda ċ-ċelebrazzjoni privatament.
   b. Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, dawk li ser jirċievu dan is-sagrament jew, jekk dawn huma trabi, il-ġenituri u l-parrini tagħhom f'isimhom, jagħmlu l-professjoni tal-fidi (il-wegħdiet tal-magħmudija).
   c. Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, il-ġemgħa kollha ġġedded il-wegħdiet tal-Magħmudija.
6. It-tqarbin jista' jsir b'żewġ speċi.
7. Mhux permess iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa mingħajr ir-riti taċ-ċelebrazzjoni tal-vġili.
8. Il-blandun jitpoġġa maġenb l-altar jew maġenb l-ambone sa nharGħid il-Ħamsin.

**Riflessjoni:**
Xi kultant inħossu t-tentazzjoni li nkunu nsara li nżommu distanza prudenti mill-ġrieħi tal-Mulej. Imma Ġesù jrid li mmissu l-miżerja umana, li mmissu l-ġisem sofferenti tal- oħrajn. Hu jistenna minna li ma noqogħdux infittxu dawk l-imkejjen ta' kenn personali jew komunitarju li jżommuna mbegħdin minn fejn tħabbat il-qalb tat-tbatija umana, biex nistgħu naċċettaw tabilħaqq li nidħlu f'kuntatt mal-eżistenza konkreta tal-oħrajn u nagħarfu kemm hi kbira l-qawwa tal-ħlewwa u t-tjieba. Meta nagħmlu dan, il-ħajja dejjem tikkumplika ruħha b'mod sabiħ u nkunu ngħixu l-esperjenza qawwija ta' poplu, l-esperjenza li aħna nagħmlu parti minn poplu.
Il-Papa Franġisku, *Evangelii Gaudium*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 28, l-1 parti**
*Adore the five wounds of Jesus Christ, our Lord, and consider that he has kept them in his sacred body as glorious trophies of the victory he gained over hell and sin, from which he rescued us by his sufferings and his death. Know, says Saint Peter, that you have been redeemed from a life of vanity, which you learned from your forefathers, not by silver or gold but by the precious blood of Jesus Christ, the Lamb without blemish. These sacred wounds from which this precious blood poured remind us of such an extraordinary favor.*
*Often let your eyes rest on this sacred object. Regard the wounds in your Savior's body as so many mouths that reproach you for your sins; keep in mind all that he suffered to efface them.*

**It-Tieni Jum tan-Novena tal-Ħniena Divina**
"Illum ġibli L-ERWIEĦ TAS-SAĊERDOTI U R-RELIĠJUŻI u daħħalhom fil-ħniena tiegħi bla qies. Kienu huma li tawni l-qawwa biex nissaporti l-passjoni kiefra li minnha għaddejt. Permezz tagħhom tinżel il-ħniena tiegħi fuq l-umanita` kollha."

**TALBA**



*Illum skiet, Mulej! Illum niskot, Mulej qed tfakkarni x'kont għidt.*
*"Nar ġejt inqiegħed fuq l-art u kemm nixtieq li diġà qabad." Lq. 12:49*
*Qabbadtu, issa Mulej,*
*u ommok Marija "qed tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha." Lq. 2:50*
*Qabbadt fija dan in-nar biex bħalek ngħin lil dawk li qed isofru "l-bard":*
*għax iħossuhom imwarrbin, emarġinati –*
*mhux stmati abbandunati għal għonq it-triq.*
*Mulej, la tħallix jintefa' dan in-nar li qabad fija.*
*F'dan il-jum imqaddes, jum sieket u jum vojt inkun ma' ommok Marija.*
*Żmien ta' jum li fih "nishar" ... b'għożża u b'paċenzja*
*mimlija tama fuq "dawn il-ħwejjeġ kollha".*
*Grazzi Mulej Ġesù.*
Bro. Louis

**Missierna ...**



**Il-Ħadd, 27 ta' Marzu**
**L-Għid Imqaddes – Il-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet**
*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 10: 34a,37-43 | Aħna kilna u xrobna miegħu wara li qam mill-imwiet. |
| 2. Salm117 :1,2,16ab,17,22,23 | Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; ħa nifirħu u nithennew fih. |
| 3. Kolossin 3: 1-4 | Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn qiegħed Kristu. |
| *jew* | |
| 1Korintin 5: 6b-8 | Tnaddfu mill-ħmira l-qadima, ħa tkunu għaġna ġdida. |
| 4. Ġwanni 20: 1-9 | Kristu kellu jqum mill-imwiet. |
| *jew* | |
| Luqa 24: 1-12 | L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj? |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu ta' San Ġwann:**

- Il-Liġi Lhudija tisħaq li jekk wieħed jidħol ġo qabar dan jiġi mniġġes. Fil-fatt, meta wieħed imiss qabar dan jibqa' mniġġes għal sebat ijiem. Jista' jkun li din id-drawwa qadima kienet il-kaġun illi Ġwanni waqaf quddiem il-qabar u ma daħalx? Tgħid waqaf jittawwal mill-għatba b'rispett ta' xi skruplu lejn din ir-reliġjożità?
- Kienet x'kienet ir-raġuni biex dan id-dixxiplu jieqaf, Pietru baqa' dieħel jgħaġġel il-ġewwa. Hu jasal l-aħħar imma jidħol l-ewwel, mingħajr ma jagħti l-ebda kas ta' dak li tgħid il-Liġi. Għalhekk mhix xi ħaġa ta' barra minn hawn li San Tumas Aquinos iqabbel lil Pietru mal-pagani. Dawn kienu tal-aħħar imma jgħaddu anke lil dawk li kellhom il-privileġġ li jkunu tal-ewwel li jaraw. Mingħajr il-piż tal-madmad ta' Mose, li ġiegħel lil Ġwanni jibqa' fid-daħla, bħal Pietru huma daħlu fil-qabar, u b'hekk b'mod mistiku ndifnu ma' Kristu.
- Huwa importanti li naraw d-dħul fil-qabar bħala xbiha mistika tal-magħmudija, għax dan jurina l-ironija divina tal-pjan ta' Alla. Il-post ta' purifikazzjoni huwa dak l-istess post mimli impurità – jew nistgħu ngħidu li kull impurità issa saret pura. Il-mewt inbidlet f'ħajja. Il-"qabar" ta' Kristu, m'għandu l-ebda tniġġis (ma fih l-ebda kadavru). Minn ġewwa huwa pur, post mimli ħajja. Saħansitra jippurifika. Għaliex fir-rit preskritt minn Mose biex wieħed jitnaddaf mill-impurità ta' kadavru jrid jinħasel bl-ilma minn nixxiegħa mħallat bl-irmied mill-offerta tas-sagrifiċċju bi tpattija għad-dnub. Dan huwa tip ta' fonti tal-magħmudija tat-Testment il-Ġdid, mimli bl-ilma ħaj imbierek bis-sagrifiċċju ta' Kristu għal dnubietna.

- B'hekk, aħna lkoll li ħaddanna l-fidi nisranija permezz tal-ilma u l-Ispirtu, il-mewt m'għandiex tkun għalina l-biża' tax-xifer tal-irdum. Indfinna ma' Kristu fil-magħmudija, għalhekk nistgħu nidħlu f'kull qabar mingħajr inkwiet. Bħal Pietru, nistgħu ngħaddu mingħajr tfixkil ġol-qabar li jagħti l-ħajja, kull meta jkollna ċ-ċans li mmutu għalina nfusna.

Fr. Anthony Giambrone, *Praying with Saint John's Gospel*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 29, it-2 parti**

*The Resurrection of Jesus Christ was glorious for him and advantageous for us in another sense, because, according to Saint Paul, he destroyed sin and rose again only that we might live with a new life.*

*For it is certain that if we are united with him through likeness to his death, we will also be united with him through likeness to his Resurrection, and if we die to sin with Jesus Christ, we will also live with him.*

*Because by rising Jesus Christ destroyed sin, you must take care, following Saint Paul's advice, that sin may no longer reign in your mortal body. Attach that body with all your disorderly affections to the cross of Jesus Christ; this will make your body share in anticipation the incorruptibility proper to his body by preserving you from sin, the source of all corruption.*

**It-Tielet Jum tan-Novena tal-Ħniena Divina**

*"Illum ġibli L-ERWIEĦ QADDISA U FIDILI u itfagħhom fil-baħar tal-ħniena tiegħi. Dawn l-erwieħ farrġuni fi triqti lejn il-kalvarju. Kienu għalija bħal qatra ta' faraġ f'nofs baħar ta' niket."*



**TALBA**

*O Ġesù ħanin,*
*aħna nemmnu fik u nafdaw fik.*
*Għinna għaliex aħna dgħajfa u bla ħila.*
*Agħtina l-grazzja*
*li nwasslu lill-bnedmin kollha biex jagħarfuk u jħobbuk.*
*U jkollna fiduċja fil-kobor bla qies ta' mħabbtek,*
*sabiex inkunu nistgħu niġġieldu kontra l-ħażen*
*li hemm fina u fid-dinja kollha*
*għall-glorja tiegħek u għas-salvazzjoni ta' ruħna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 28 ta' Marzu**
It-Tnejn tal-Ottava tal-Għid
San Giontram – Re

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 2: 14,22-33 | Lil dan Ġesù, Alla qajmu mill-imwiet, u ta' dan aħna lkoll xhieda. |
| 2. Salm 15: 1,2a,5,7-11 | Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn. |
| 3. Mattew 28: 8-15 | Morru wasslu l-aħbar lil ħuti biex jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemmhekk. |

**SAN GIONTRAM (ċ. 525-592) – re**

- ❖ San Gontran kien iben ir-re tal-Franki Klotarju I. Huwa laħaq re tal-Burgandija u parti mill-Acquitaine mal-mewt ta' missieru li seħħet fil-561 sakemm miet 31 sena wara.
- ❖ Kulma nafu dwar San Gontran ġej mill-kitba ta' San Girgor ta' Tours (c. 538-596), li għex fl-istess żmien u li kiteb l-istorja tal-Franki.
- ❖ Kien hemm żmien fil-ħajja ta' Gontran meta ma tantx kien jagħtik impressjoni ta' bniedem qaddis, u difatti waqa' fi ħtijiet gravi li jkollna ngħidu wkoll kienu effett taż-żmien li fih għex. Hu keċċa lil martu u reġa' żżewweġ oħra bix-xewqa li jkollu nisel li jieħu s-saltna warajh. Ordna l-qtil ukoll, bla ma qagħad jaħsibha sewwa, tat-tabib li ma rnexxilux ifejjaq mara oħra tiegħu.
- ❖ Imma Gontran għaraf dawn l-iżbalji tiegħu u patta għalihom il-bqija ta' ħajtu permezz tal-karitajiet u mħabba lejn ir-reliġjon. Hu inkoraġġixxa biex isiru tliet sinodi (laqgħat ta' isqfijiet) biex iġib 'il quddiem id-dixxiplina tal-kleru, għena diversi knejjes u monasteri, u mexxa b'ġustizzja s-sudditi tiegħu.
- ❖ Meta l-artijiet tiegħu kienu maħkuma minn marda tittieħed msejħa "nar ta' San Anton" li filġet il-poplu tiegħu, hu ried li jieħdu ħsieb is-sudditi l-aktar batuti, u offra lilu nnifsu vittma lill-ġustizzja divina għall-ġid tal-poplu tiegħu.
- ❖ Miet fil-592, fl-età ta' madwar 67 sena.
- ❖ Hu kien re maħbub ħafna fost il-poplu tiegħu, li malajr beda jqimu bħala qaddis wara mewtu u ismu sab postu fil-Martiroloġju Ruman (il-ktieb li jiġbor fih l-ismijiet tal-qaddisin meqjuma mill-Knisja) bla ma qatt ġie kkanonizzat formalment.

**Riflessjoni:**

Min jimxi fit-triq tal-verità mhux talli ma jitlef xejn iżda jsib ħelsien interjuri. Meta l-bniedem jagħżel it-triq tal-gideb, ikun ilsir ta' gidba li hi kontra s-sewwa. Veru li l-giddieb jaħseb li hu aktar liberu li jista' jagħmel li jrid, imma l-giddieb għomru qasir!

Angelo Xuereb

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 29, silta mill-1 punt**

*It is glorious for Jesus Christ, because by it he overcame death. This led Saint Paul to affirm that Jesus Christ was raised up for the glory of his Father and that once risen, he dies no more, because death will no longer have power over him. It is advantageous for us, because it is an assurance of our own resurrection. Certain it is, adds the Apostle, that just as all died in Adam, so too all will rise again in Jesus Christ. According to this same Apostle, it was on this happy day that death was destroyed once and for all. Rejoice with the whole Church over so great a favor, and thank Jesus Christ, our Lord, very humbly for it.*

**Ir-Raba' Jum tan-Novena tal-Ħniena Divina**

"Illum ġibli LIL DAWK LI MA JEMMNUX FIJA U LIL DAWK LI GĦADHOM MA JAFUNIX. Kont qed naħseb fihom ukoll matul il-passjoni tiegħi, u l-ħeġġa li biha għad jitkebbsu kienet ta' faraġ għal qalbi. Għaddashom fil-baħar tal-ħniena tiegħi."



**TALBA**

*O Ġesù ħanin,*
*aħna nemmnu fik u nafdaw fik.*
*Għinna għaliex aħna dgħajfa u bla ħila.*
*Agħtina l-grazzja*
*li nwasslu lill-bnedmin kollha biex jagħarfuk u jħobbuk.*
*U jkollna fiduċja fil-kobor bla qies ta' mħabbtek,*
*sabiex inkunu nistgħu niġġieldu kontra l-ħażen*
*li hemm fina u fid-dinja kollha*
*għall-glorja tiegħek u għas-salvazzjoni ta' ruħna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 29 ta' Marzu**
It-Tlieta tal-Ottava tal-Għid
San Bertoldu
San Ġużeppi ta' Arimatea
San Leonardu Murialdo – Saċerdot

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 2: 36-41 | Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu. |
| 2. Salm 32 : 4,5,18-20,22 | Bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art. |
| 3. Ġwanni 20: 11-18 | Rajt 'il-Mulej u tani dil-bxara. |

**SAN BERTOLDU († 1188) – reliġjuż**

- ❖ Ma waslilniex tagħrif dwar fejn jew meta twieled San Bertoldu. Kitba tardiva li ma tantx għandha valur storiku tgħid li hu twieled f'Limoges fi Franza fil-bidu tas-seklu 12 u li kien ġej mill-familja nobbli Malefalda.
- ❖ Wara li temm studji brillanti f'Pariġi u kien ordnat saċerdot, hu ngħaqad mal-Kruċjati flimkien ma' kuġin tiegħu Aymerik.
- ❖ Huwa kien Antjokja fl-assedju ta' din il-belt mis-Seraċini u li fih ħeles mill-mewt bi grazzja speċjali. Matul l-assedju jingħad li kellu dehra ta' Ġesù li kkundanna l-imġiba ħażina tas-suldati nsara u għalhekk il-qaddis ħadem biex jirriformahom.
- ❖ Bertoldu jidher li kellu konnessjoni mat-twaqqif tal-Ordni Karmelitan. Il-qaddis, bil-għajnuna ta' qaribu Aymerik, li allura kien inħatar patrijarka Latin ta' Antjokja, għaqqad flimkien taħt it-tmexxija tiegħu l-irħieb kollha mxerrdin fil-għerien tal-għolja Karmelu u qegħidhom taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija. B'hekk huwa bidel il-mod ta' ħajja ta' dawk l-irħieb f'komunità, għax qabel kienu jgħixu ħajja solitarja bħala eremiti.
- ❖ Minħabba f'hekk ħafna huma dawk li jqisu lil San Bertoldu bħala l-fundatur tal-Ordni Karmelitan. Jidher li, għall-ħabta tas-sena 1150, huwa kien maħtur minn kuġinuh Aymerik bħala l-ewwel superjur ġenerali Latin tal-Ordni Karmelitan.
- ❖ Dak li hu ċert hu li Bertoldu ħa ħsieb biex jinbnew monasteru u knisja fuq il-muntanja Karmel u ddedika l-knisja għall-ġieħ tal-Profeta Elija. Dan hu konfermat minn ittra ta' Pietru Emiljanu lir-Re Dwardu I tal-Ingilterra, fl-1282.
- ❖ San Bertoldu miet fid-29 ta' Marzu, lejn is-sena 1188.

**Riflessjoni:**

L-iskop tat-talb huwa li wieħed ifittex lil Alla u mhux li jitlob biex jieħu gost. U għalhekk meta ma nibqgħux inħossu l-gost tat-talb inkomplu nitolbu xorta waħda, konvinti li Ġesù huwa dejjem magħna. Il-fidi tagħna tista' wkoll bħal qaddisin kbar

tgħaddi minn provi fejn ġie li nistaqsu: ***Imma Alla fejn hu?*** F'dawn il-mumenti għandna nġibu quddiem għajnejna din is-silta. Marija ta' Magdala tfittex lil Ġesù u taħseb li serquh filwaqt, li mingħajr ma kienet taf, kienet qiegħda titkellem miegħu. Dan jgħallimna li Alla huwa dejjem magħna, anke jekk ma nindunawx jew ma nħossuhx.

Angelo Xuereb

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 144, it-2 punt**

*This love she (Mary Magdala) had for Jesus Christ so filled her heart that once she was converted, she resolved never to abandon him again. She was one of the holy women who followed him everywhere on his journeys and supplied his needs and those of his disciples. At a banquet held in Bethany, where Jesus was present a few days before his death, she poured a fragrant ointment over his feet and later accompanied him even to Calvary, where she saw him die. She did all this to show that she could not leave Jesus Christ, so deeply did she love him.*

*Are you as faithful to follow Jesus Christ when he causes you to suffer as when he showers you with his blessings? Alas! As soon as someone says something to you that causes you some pain or you are given some reproof, do you not show your resentment? On occasions such as these, you must show that you follow Jesus Christ and are one of his disciples.*

**Il-Ħames Jum tan-Novena tal-Ħniena Divina**

"Illum ġibli L-ERWIEĦ TAL-INSARA LI HUMA MIFRUDIN MINN XULXUN u itfagħhom fil-baħar tal-ħniena tiegħi. Matul il-passjoni huma ċarrtuli ġismi u qalbi, jiġifieri l-Knisja tiegħi. Meta jerġgħu jidħlu fl-għaqda mal-Knisja, il-ġrieħi tiegħi jfiequ, u b'hekk huma jtaffuli t-tbatija."



**TALBA**

*O Ġesù ħanin,*
*aħna nemmnu fik u nafdaw fik.*
*Għinna għaliex aħna dgħajfa u bla ħila.*
*Agħtina l-grazzja*
*li nwasslu lill-bnedmin kollha biex jagħarfuk u jħobbuk.*
*U jkollna fiduċja fil-kobor bla qies ta' mħabbtek,*
*sabiex inkunu nistgħu niġġieldu kontra l-ħażen*
*li hemm fina u fid-dinja kollha*
*għall-glorja tiegħek u għas-salvazzjoni ta' ruħna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, 30 ta' Marzu**
L-Erbgħa tal-Ottava tal-Għid
San Ġwann Klimaku - abbati

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 3, 1-10 | Dak li għandi se nagħtihulek: fl-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nazzaret, imxi! |
| 2. Salm 104 : 1-4,6-9 | Tifraħ il-qalb ta' dawk li jfittxu 'l-Mulej. |
| 3. Luqa 24: 13-35 | Għarfuh fil-qsim tal-ħobż. |

**SAN ĠWANN KLIMAKU (ċ 525-605) – konfessur u abbati**

- ❖ San Klimaku twieled fis-Sirja, u għex ta' eremitá f'għar fin-naħa t'isfel tal-Muntanja Sinaji fid-Deżert ta' Thola.
- ❖ Kien jistudja l-ħajjiet tal-qaddisin u kiseb fama ta' studjuż kbir.
- ❖ Ta' 75 sena kien maħtur abbati u tant kien qaddis u għaref li saħansitra l-Papa Girgor l-Kbir, kien wasallu xi tagħrif dwaru, tant li bagħatlu kontribuzzjoni għall-isptar tiegħu u għal-lukanda minbarra li talbu jitlob għalih.
- ❖ Imma wara xi 4 snin, Ġwanni rriżenja mill-kariga ta' Abbati biex ikun jista' jerġa' jmur fl-eremitaġġ tiegħu u jlesti ruħu għall-mewt.
- ❖ L-aktar xogħol importanti tiegħu hu 'Is-Sellum lejn is-Sema', miktub bil-Latin; li jfisser 'l-għola punt' u li minnu u li minnu kien ħareġ il-kunjom Climacus. Dan it-trattat axxetiku li kiseb popolarità kbira fil-Knisja u ġie maqlub f'ħafna lingwi, kien indirizzat lejn l-Ankoriti u ċ-Ċenobiti: it-30 skaluna tiegħu(il-kapitli), b'tifkira tat-30 sena li Ġesù għadda f'ħajja mistura, jitrattaw il-vizzji li jeħtieġ wieħed jikkontrolla u l-virtujiet li wieħed għandu jikkultivà biex jilħaq l-għola perfezzjoni ta' qdusija possibli. L-applikazzjoni prattika tal-preċett hija mfissra b'ħafna parabboli u fatti storiċi.
- ❖ San Ġwann Klimaku miet fl-eremitaġġ fit-30 ta' Marzu 605, fl-età ta' 80 sena.

**Riflessjoni:**

Id-dixxipli ta' Emmaus kellhom idea li l-Messija kellu jkun bniedem ta' qawwa u għalhekk ma setgħux iniżżluha kif dan inqatel; għalhekk inqatgħu minn mal-komunità f'Ġerusalemm u marru lejn Emmaus, imdejqa u mħawda. Iżda Ġesù dehrilhom, u f'din is-sentenza naraw li qalilhom li qabel jidħol fil-glorja kellu jgħaddi mit-triq tat-tbatija. Bħad-dixxipli ta' Emmaus, min jaf kemm staqsejna l-mistoqsija li ladarba Alla jeżisti, kif hawn tant deni fiżiku u tant ħażen morali? Il-misteri ta' Alla mhux dejjem nifhmuhom.

Angelo Xuereb

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 30; silta mit-2 punt**

*To model your conversation on that of the two disciples (of Emmaus) and Jesus Christ with them, it is good for you to know, first of all, what these two disciples were talking about. They spoke only of good things, of what had happened in Jerusalem at the death of Jesus Christ, about his holy deeds and miracles, and about the admirable life that caused him to be so greatly honored by the entire people that they regarded him as a great Prophet and even as the Messiah who was to deliver Israel. They also spoke about the rumors that were spreading about his Resurrection.*

**Is-Sitt Jum tan-Novena tal-Ħniena Divina**

*"Illum ġibli L-BNEDMIN TA' QALB ĦELWA U UMLI U T-TFAL IĊ-ĊKEJKNIN u għaddashom fil-baħar ta' ħniena tiegħi. Dawn l-erwieħ jixbhu ħafna lil qalbi. Huma tawni s-saħħa fil-ħin tal-agunija ħarxa tiegħi. Jien rajt fihom anġli tal-art, li kellhom jishru miegħi f'riġlejn l-altari. Insawwab fuqhom xmajjar sħaħ ta' grazzji. Ir-ruħ umli biss tista' tilqa' l-grazzja tiegħi. Għandi fiduċja kbira f'dawn l-erwieħ umli."*



**TALBA**

*O Ġesù ħanin,*
*aħna nemmnu fik u nafdaw fik.*
*Għinna għaliex aħna dgħajfa u bla ħila.*
*Agħtina l-grazzja*
*li nwasslu lill-bnedmin kollha biex jagħarfuk u jħobbuk.*
*U jkollna fiduċja fil-kobor bla qies ta' mħabbtek,*
*sabiex inkunu nistgħu niġġieldu kontra l-ħażen*
*li hemm fina u fid-dinja kollha*
*għall-glorja tiegħek u għas-salvazzjoni ta' ruħna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 31 ta' Marzu**
Il-Ħamis tal-Ottava tal-Għid
San Danjel ta' Murando – eremita
San Benjamin - matri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 3: 11-26 | Qtiltu lill-awtur tal-ħajja, imma Alla qajmu mill-imwiet. |
| 2. Salm 8: 2a u 5-9 | Mulej, sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha! |
| 3. Luqa 24, 35-48 | Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet. |

**SAN BENJAMIN († 424) – martri**

- ❖ L-insara tal-Persja gawdew tnax-il sena ta' paċi meta kien jirrenja Isdegerd, iben Sapor III. Iżda fl-420 din l-era ta' paċi kienet infixxkla b'ħeġġa inprudenti tal-isqof nisrani, Abdas, li ħaraq it-Tempju tan-Nar, santwarju meraviljuż tal-Persjani. Ir-Re Isdegerd, hedded li jekk l-isqof ma jerġax jibni t-tempju mill-ġdid, jeqred il-knejjes insara kollha.
- ❖ L-Isqof Abdas ma kkomformax ma' dan, għalhekk ir-re esegwixxa t-theddida li kien għamel; waqqa' l-knejjes kollha u l-isqof ġie maqtul u bdiet persekuzzjoni ġenerali li damet għaddejja għal erbgħin sena.
- ❖ Fl-421 miet ir-Re Isdegerd u s-suċċessur tiegħu, ibnu Varanes, baqa' għaddej bil-persekuzzjoni anzi b'kattiverija ferm akbar. L-insara kellhom joqogħdu għal turmenti mill-aktar ħarxa.
- ❖ Fost dawn li batew dawn is-sofferenzi nsibu lil San Benjamin li kien ilu arrestat sena imħabba l-fidi tiegħu. Għall-aħħar ta' dan il-perjodu, ambaxxatur tal-imperatur ta' Kostantinopoli, irnexxielu jeħilsu bil-patt u l-kundizzjoni li qatt ma jitkellem fuq ir-reliġjon mal-kortiġġjani.
- ❖ San Benjamin, madanakollu, iddikjara li bħala nisrani huwa kien fid-dmir li jxandar lil Kristu, u ma jistax jibqa' sieket. Għalkemm kien meħlus b'patt li għamel mal-ambaxxatur u l-awtoritajiet Persjani huwa ma riedx joqgħod għalih, u ma kien iħalli l-ebda opportunità li jipprietka.
- ❖ Mill-ġdid ġie arrestat u meħud quddiem ir-re. Dan it-tirann ordna li jingħata l-iżjed torturi makabri, u dawn jiġu repetuti għal kemm-il darba u kull darba tiżdied l-intensità u l-ħruxija tagħhom.
- ❖ Fl-aħħar San Benjamin ma felaħx iżjed u l-martri ħalla din id-dinja f'agunija mill-iżjed terribbli fis-sena 424.

**Riflessjoni:**
Min jimxi wara Kristu mhux ser jgħix fil-vojt. Avolja jkollu jgħaddi mit-tbatijiet jekk jissieħbu fil-misteru tal-Għid, mit-tbatija għall-glorja, ser isib il-paċi vera f'qalbu kif jaf

jagħtiha Ġesù biss. Għax il-paċi li jagħtina Ġesù hija l-vera paċi. Hija paċi li timla verament il-qalb. Kellu raġun Santu Wistin jgħidilna li qalbna hija maħluqa għal Alla u ma ssibx mistrieħ jekk mhux fih.

Angelo Xuereb

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 32, l-1 punt**

*On this day, Jesus Christ entered the upper room where the Apostles have gathered after his Resurrection. The doors were all shut, which symbolizes that every approach to a soul who does not live a renewed life, a life of grace, is closed to all interior action of the*

*Spirit of God and has only human and natural impulses to act. This is the result of the blindness of spirit and the hardness of heart that sin brings about in us. It makes people who are quite enlightened about the things of this world lose all understanding of and all openness to what concerns God and his service.*

*This is what Jesus Christ teaches us when he says that the children of this world are often wiser and more prudent with regard to temporal matters than most of the children of light with regard to their spiritual welfare and the salvation of their souls. Are you not of their number?*

**Il-Seba' Jum tan-Novena tal-Ħniena Divina**

*"Illum ġibli L-ERWIEĦ LI JQIMU U JSEBBĦU L-ĦNIENA TIEGĦI B'MOD SPEĊJALI u afdahom f'din l-istess ħniena. Dawn l-erwieħ tnikktu ħafna minħabba l-passjoni li ġarrabt, u daħlu ħafna 'l ġewwa fl-ispirtu tiegħi. Huma xbihat ħajja tal-qalb ħanina tiegħi. Dawn l-erwieħ għad jiddu b'dija speċjali fil-ħajja li ġejja. Fis-siegħa ta' mewthom, jiena nħares b'mod partikolari lil kull wieħed u waħda minnhom."*



**TALBA**

*O Ġesù ħanin,*
*aħna nemmnu fik u nafdaw fik.*
*Għinna għaliex aħna dgħajfa u bla ħila.*
*Agħtina l-grazzja*
*li nwasslu lill-bnedmin kollha biex jagħarfuk u jħobbuk.*
*U jkollna fiduċja fil-kobor bla qies ta' mħabbtek,*
*sabiex inkunu nistgħu niġġieldu kontra l-ħażen*
*li hemm fina u fid-dinja kollha*
*għall-glorja tiegħek u għas-salvazzjoni ta' ruħna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

# It-Talba tas-Signum Fidei

Missierna li inti fis-smewwiet,
fil-providenza tiegħek,
inti għoġbok tagħżilni biex inkun Sinjal ta' Fidi
f'dinja mimlija konfużjoni u inċertezzi.

Ixgħel fija u fil-membri kollha tas-Signum Fidei,
spirtu qawwi ta' FIDI u ĠENEROŻITÀ,
ħalli meta niġi biex nikkommetti ruħi fl-appostolat,
nimxi fuq l-eżempju ta'
San Ġwann Battista De La Salle,
u ndawwal oħrajn,
biex huma wkoll jikkonsagraw ħajjithom,
ħalli jwasslu l-Vanġelu lid-dinja fl-edukazzjoni.

Bierek ix-xogħol ta' ħutna,
huma fejn huma, biex flimkien ,
imdawwla bl-entużjażmu
tal-ispirtu tal-imħabba tiegħek,
insiru dejjem aktar il-melħ tad-dinja,
id-dawl tad-dinja, l-aktar fost il-fqar u ,
dawk li jinsabu bogħod mis-salvazzjoni li inti toffri.

Ilqa' ġewwa dirgħajk lil ħutna
li telqu qabilna bis-sinjal tat-twemmin
u li issa jinsabu reqdin fil-paċi tiegħek.

Qed nitolbok dan,
permezz ta' Ġesù Kristu,
ibnek l-għażiż.
Ammen.

Direzzjoni: Min jixtieq tagħrif dwar is-Signum Fidei kkuntatjaw lil:

Signum Fidei,
Dar il-Frères,
Triq Antonio Sammut,
Il-Gżira.
GŻR1563

## Talba ta' San Ġwann Battista de La Salle lill-Imqaddsa Verġni Marija li kien jgħid ta' spiss

O Wisq Qaddisa u Safja Xebba Marija, Omm tal-Ħniena, Sultana tiegħi, Protetriċi tiegħi, Ħajti, l-Għaxqa u t-Tama tiegħi, fit-tjieba Tiegħek agħmel li jkolli qalb ta' iben veru tiegħek; qalb li malajr tobdi u twieġeb lill-Iben Divin Tiegħek, is-Salvatur Tiegħek u tiegħi; ikolli fiduċja ta' iben fit-tjubija tiegħek ta' Omm u fil-kwalitajiet kollha li għandu jkollu kull iben tiegħek.

Indenja ruħek ukoll li jkollok l-aktar għal qalbek il-ħidma kbira tas-salvazzjoni tiegħi u kull ma jgħin biex din tinkiseb matul ħajti u fil-waqt ta' mewti; u meta jasal dak il-mument ta' l-aħħar, Omm fidila u Ħanina, nitolbok b'ħerqa li ma tabbandunanix.

Għinni Inti, biex negħleb l-egħedewwa kollha tas-salvazzjoni tiegħi u ħu f'idejk qaddisa lil ruħi, biex hekk tikseb ġudizzju tajjeb bl-interċessjoni tiegħek u inkun nista' nidħol fis-Saltna tas-Sema u hemm nitgħjaxxaq b'Hena li ma titfissirx, li nara u nħobb lil Alla u lilek l-iżjed Imbierka għal dejjem ta' dejjem. Ammen

**JGĦIX ĠESU' F'QALBNA ! GĦAL DEJJEM**

**IL-ĦNIENA TA' ĠESU MAL-ĦALLIEL IT-TAJJEB**

**(Luqa 23: 39-42)**

Wieħed mill-ħatjin li kienu msallbin miegħu beda jgħajjru u jgħidlu: "Int m'intix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna." Imma qabeż l-ieħor, ċanfru u qallu: "Anqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed taħt l-istess kundanna? Tagħna hija ġusta, tassew, għax qegħdin nieħdu li ħaqqna ta' kull ma għamilna; imma dan ma għamel xejn ħażin." Mbagħad qal: "Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek." U Ġesù wieġbu: "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi."

**Hsieb**

Fil-mument tal-kundanna tiegħu, Disma, kif issejjaħlu l-Knisja, għaraf il-wiċċ ta' Kristu, u hekk ra l-possibbiltà li wara kollox jista' jsalva. Talab maħfra sinċiera u l-Mulej wegħdu il-ġenna.

***Mulej ikollok ħniena minna.***

*Talba tal-Papa Franġisku għall-Ġublew tal-Ħniena (2015-2016)*

**M**ulej Ġesù Kristu, int li għallimtna nħennu bħalma ħanin hu Missierna tas-Sema, u għidtilna li min jara lilek jara lilu: urina wiċċek u nkunu salvi.
Ħarstek mimlija mħabba ħelset lil Żakkew u 'l Mattew mill-jasar tal-flus;
lill-adultera u l-Maddalena milli jqiegħdu l-ferħ tagħhom biss fi ħlejqa;
bikkiet lil Pietru wara t-tradiment, u wiegħdet il-Ġenna lill-ħalliel niedem.
Agħmel li kull wieħed u waħda minna jisma' tingħad lilu dik il-kelma li int lissint lis-Samaritana: Kieku kont taf id-don ta' Alla!
**I**nt il-wiċċ li jidher tal-Missier li ma jidhirx,
ta' Alla li juri s-setgħa tiegħu fuq kollox bil-maħfra u l-ħniena:
agħmel li l-Knisja tkun fid-dinja l-wiċċ tiegħek li jidher,
int li int il-Mulej tagħha, rebbieħ fuq il-mewt u glorjuż.
Int ridt li l-ministri tiegħek ikunu huma wkoll imlibbsa bid-dgħufija biex jistgħu jħossu għal dawk li qegħdin fl-injoranza u l-iżball; agħmel li kull min jersaq lejn wieħed minnhom iħossu milqugħ, maħbub u maħfur minn Alla.
**I**bgħat l-Ispirtu tiegħek u kkonsagrana lkoll bid-dilka tiegħu biex dan il-Ġublew tal-Ħniena jkun sena ta' grazzja tal-Mulej u l-Knisja tiegħu b'ħeġġa mġedda tista' twassal lill-foqra l-bxara t-tajba, tħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u l-maħqurin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja.
Dan nitolbuhulek bl-interċessjoni ta' Marija, Omm il-Ħniena, int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

Ammen.